# STRATEĠIJA
# GĦAL-LINGWA NAZZJONALI

## Rapport
## tal-Bord għall-Ilsien Malti

imħejji minn Manwel Mifsud

Mgħoddi lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni

l-Onor. Dr. Louis Galea

Mejju 2001

1. IL-ĦIDMA TAL-BORD 1
1.1. It-Termini ta' Referenza 1
1.2. Il-kompożizzjoni tal-Bord 1
1.3. Il-laqgħat tal-Bord 2
1.4. Xi limitazzjonijiet 3
1.4.1. Bord temporanju 3
1.4.2. Rapport preliminari 3
1.5. Il-kisba ta' kunsens nazzjonali 4
1.5.1. Konsultazzjoni ta' ħidma li saret qabel 4
1.5.2. Konsultazzjoni mal-pubbliku 5
1.5.3. Konsultazzjoni ma' l-esperti 6
1.5.4. L-appoġġ sħiħ ta' l-għaqdiet tal-Malti 6
1.6. Ħajr 7
2. L-ISTQARRIJIET TAL-QOFOL 9
2.1. Il-Malti lsien nazzjonali 9
2.1.1. Patrimonju mħares 10
2.1.2. Dritt taċ-ċittadin 10
2.1.3. Ilsien b'appell demokratiku 11
2.1.4. Il-ġrieħi tal-ħakma 11
2.2. Is-sitwazzjoni bilingwi ta' Malta 12
2.3. Il-Malti fl-Ewropa 14
2.4. Id f'id bil-kunfidenza 17
2.4.1. Servizz ta' għajnuna 17
2.4.2. Ħidma flimkien 18
3. IL-PROPOSTI 19
3.0. Premessa 19
3.1. Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti 19
3.1.1. Il-Kumitat Eżekuttiv 22
3.1.2. Il-Kummissjoni Teknika 25

3.1.3. Il-Kumitati Tekniċi 28
3.1.3.1. Il-Kumitat għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni 31
3.1.3.2. Il-Kumitat għall-Istampa u x-Xandir 31
3.1.3.3. Il-Kumitat għat-Tagħlim tal-Malti 33
3.1.3.4. Il-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika 34
3.1.3.5. Il-Kumitat għal-Letteratura 35
3.1.3.6. Il-Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku 37
3.1.4. Is-Segretarjat 38
3.1.5. L-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi 38
3.1.6. Ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja 40
3.1.7. L-istaff 41
3.2. Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti 42
4. MILL-KLIEM GĦALL-FATTI 44
4.1. Mill-idea għal-liġi 44
4.2. Minn issa 'l quddiem 45
4.3. Sejħa 45

# 1. IL-ĦIDMA TAL-BORD

## 1.1. *It-Termini ta' Referenza*

Il-Bord għall-Ilsien Malti twaqqaf mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani fit-28 ta' Diċembru 1994. Skond it-Termini ta' Referenza kif joħorġu mill-Istqarrija għall-Istampa ta' dakinhar, il-Bord twaqqaf biex:

a) jistudja l-problemi li qed iħabbat wiċċu magħhom l-ilsien Malti;

b) iħejji l-istruttura meħtieġa għall-ħarsien tal-Malti, anke permezz ta' leġiżlazzjoni;

c) ifassal strateġija xierqa biex il-Malti, element qawwi ta' l-identita' nazzjonali u l-ewwel mezz ta' komunikazzjoni bejn il-Maltin, jafferma ruħu u jiġi 'l quddiem skond pjan ta' żvilupp maħsub.

Dawn it-Termini ta' Referenza baqgħu jgħoddu sa meta l-Bord temm xogħlu fl-aħħar ta' Mejju 2001.

## 1.2. *Il-kompożizzjoni tal-Bord*

Il-Bord kien magħmul minn *chairman*, segretarju u erba' membri (u iktar tard tlieta), kollha maħturin fil-kapaċità personali tagħhom.

Il-Bord kien kostitwit tliet darbiet. L-ewwel darba nħatar mill-Ministru Michael Falzon b'din il-formazzjoni:

| | |
|---|---|
| *Chairman*: | Il-Prof. Oliver Friggieri |
| Segretarju: | Is-Sur Albert Callus |
| Membri: | Il-Prof. Albert Borg, Dr. Manwel Mifsud, is-Sur Ġorġ Mifsud-Chircop u s-Sur Achille Mizzi. |

Wara ftit xhur, il-Prof. Oliver Friggieri rriżenja mill-Bord li baqa' jaħdem xorta waħda. F'din il-fażi saru b'kollox tnejn u erbgħin laqgħa.

Mal-bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, il-membri rriżenjaw skond il-proċedura soltu segwita. Il-Bord ingħata l-inkarigu li jkompli ħidmietu fit-30 ta' Jannar 1997 mill-Ministru Evarist Bartolo b'din il-formazzjoni li kkonfermat il-membri kollha tal-Bord:

*Chairman*: Il-Prof. Albert Borg

Segretarju: Is-Sur Albert Callus
Membri: Dr. Manwel Mifsud, is-Sur Ġorġ Mifsud-Chircop
u s-Sur Achille Mizzi.

Qabel irriżenja għall-istess raġuni amministrattiva, il-Bord kien laħaq iltaqa' ħdax-il darba oħra.

Fil-31 ta' Lulju 2000, il-Ministru Louis Galea ħatar il-Bord mill-ġdid u talbu jtemm xogħlu sal-31 ta' Mejju 2001. Il-Bord kien magħmul minn:

*Chairman*: Il-Prof. Albert Borg
Segretarju: Is-Sur Albert Callus
Membri: Dr. Manwel Mifsud, is-Sur Ġorġ Mifsud-Chircop
u s-Sur Olvin Vella.

F'din it-tielet fażi, u sat-tmiem definittiv tal-ħatra tiegħu, il-Bord iltaqa' disgħa u tletin darba.

It-Termini ta' Referenza baqgħu l-istess ma' kull ħatra.

## 1.3. *Il-laqgħat tal-Bord*

Matul il-perijodi li fihom kien imwaqqaf, il-Bord b'kollox iltaqa' 92 darba, skond kif kienet tiddetta l-ħtieġa u kif kienu jippermettu l-impenji tal-membri. Matul il-laqgħat kienet issir diskussjoni miftuħa fuq l-ideat u l-proposti mwassla lill-Bord jew imressqa mill-membri nfushom. Wara serje ta' laqgħat li fihom ġew iċċarati l-linji bażiċi u t-twemmin tal-qofol dwar il-funzjoni tal-Malti fis-soċjetà, il-Bord niżel iktar fil-prattika biex jiddiskuti xi oqsma li fihom il-ħarsien u l-iżvilupp tal-Malti huwa kruċjali. Fuq kollox, il-Bord iddiskuta l-proposta għat-twaqqif ta' struttura permanenti b'riżq l-ilsien Malti u liema tkun l-aħjar forma li għandha tieħu din l-istruttura fis-sitwazzjoni Maltija. Dan ir-Rapport huwa sewwasew il-firxa organizzata ta' l-ideat u l-proposti li ġew diskussi b'dan il-mod u aċċettati mill-membri kollha tal-Bord.

Fix-xogħol kollu, il-Bord kellu s-servizz tas-Segretarju, is-Sur Albert Callus, li fis-sewwa mhux talli wettaq dmiru b'effiċjenza kbira imma, bħala bniedem imħeġġeġ u intiż fis-suġġett, issieħeb u ta sehem ġmielu fid-diskussjonijiet tal-Bord. Ta' dan kollu, il-membri tal-Bord jixtiequ jirringrazzjawh.

## 1.4. *Xi limitazzjonijiet*

Waqt li l-membri tal-Bord għamlu l-almu kollu tagħhom u huma kunfidenti li qed iressqu rapport maħsub u proposti denji tal-kariga li ngħatatilhom, jixtiequ jagħmluha ċara li l-ħidma tagħhom sa mill-bidu wettquha f'limiti definiti li joħorġu min-natura nfisha tal-Bord kif imfissra fit-Termini ta' Referenza.

### 1.4.1. *Bord temporanju*

Il-Bord twaqqaf fuq bażi temporanja u b'data ta' skadenza, u bil-ħsieb li jissuġġerixxi struttura permanenti kif jixraq lill-ilsien nazzjonali. Issa li temm il-missjoni li għaliha tlaqqa', jittama li l-pariri u l-proposti li qed jgħaddi lill-awtoritajiet — u l-aktar il-proposta ta' struttura permanenti — jitqiesu bil-għaqal u jitwettqu, biex dan il-bidu temporanju jinbidel fi proċess kontinwu ta' promozzjoni u appoġġ għall-Malti.

### 1.4.2. *Rapport preliminari*

Bħala Bord temporanju magħmul minn membri li jiltaqgħu wara l-ħin tax-xogħol, il-Bord ma setax jagħmel iktar milli jiżen l-iktar problemi urġenti tal-Malti kif jifhimhom bl-intwizzjoni u mill-esperjenza, jiġbor il-fehmiet u l-proposti tal-pubbliku, u wara li jgħarbilhom u jiżinhom, iwassalhom f'forma organizzata lill-awtorità li kkostitwietu. Din il-limitazzjoni importanti hija riflessa fin-natura stess tar-Rapport, li m'għandux jitqies bħala xi dokument definittiv dwar l-ilsien nazzjonali. Il-Bord huwa tal-fehma li dokument bħal dan jista' jsir u huwa tassew meħtieġ, imma jista' jinħadem biss wara xi snin ta' analiżi tas-sitwazzjoni lingwistika f'Malta, li bosta dlonk jitkellmu u jiktbu dwarha, imma li fis-sewwa hija kkumplikata ħafna u għadna ma nafuhiex. Huwa xogħol li jrid isir minn organizzazzjoni permanenti għall-ilsien Malti, kif isir f'pajjiżi oħra, permezz ta' kwestjonarji u stħarriġ ieħor, kooperazzjoni ma' l-għaqdiet lokali, konsultazzjoni u kuntatti ma' għaqdiet barranin, taħriġ akkademiku ta' staff Malti f'Malta u barra, u mezzi finanzjarji konsiderevoli. Il-Bord iħoss

li l-ilsien Malti jeħtieġ u jixraqlu dan kollu b'urġenza, u jifraħ li f'dan ir-Rapport tal-bidu qiegħed iwassal proposta konkreta għat-twaqqif ta' struttura permanenti u professjonali ta' din l-għamla, li tkun tista' twettaq dan ix-xogħol bi staff ikkwalifikat u vot finanzjarju regolari, kif isir għall-oqsma importanti l-oħra tan-nazzjon Malti. Fid-dawl ta' dan kollu, dan ir-Rapport m'għandux jitqies ħlief bħala l-preludju għal opra serja, li għadha trid tibda.

## 1.5. *Il-kisba ta' kunsens nazzjonali*

Sa mill-bidu tal-ħidma tiegħu, il-Bord ra l-ħtieġa u wera x-xewqa li x-xogħol u l-proposti tiegħu jkunu jirriflettu l-fehmiet u l-ħsieb mhux biss tal-membri li jiffurmawh imma wkoll tal-pubbliku Malti, b'mod speċjali ta' l-għaqdiet, l-istudjużi u persuni pubbliċi oħra li minn żmien għal żmien kienu semmgħu leħinhom dwar il-qagħda tal-Malti f'laqgħat, fil-ġurnali jew fil-mezzi l-oħra ta' komunikazzjoni. Jekk dawn ilkoll flimkien jifhmu u jħossu li l-pjan huwa tagħhom, allura l-implimentazzjoni tiegħu tkun wisq eħfef.

### 1.5.1. *Konsultazzjoni ta' ħidma li saret qabel*

Il-Bord ikkonsulta u wiżen kulma nkiteb sa issa dwar il-ħarsien tal-Malti minn persuni Maltin u barranin, f'kull qasam tal-medja u ta' kull xejra politika. B'mod speċjali qies l-ideat u x-xewqat immaturati fl-akbar erba' avvenimenti li seħħew f'Malta f'dawn l-aħħar snin f'din id-direzzjoni, jiġifieri:

a) l-Abbozz ta' liġi msejjaħ *Att biex isaħħaħ il-qagħda ta' l-ilsien Malti u l-identita' nazzjonali Maltija*, li l-Ministru ta' l-Edukazzjoni kien ressaq quddiem il-Parlament Malti għall-ewwel qari f'Ottubru 1989, u d-dibattitu parlamentari u pubbliku li dak l-Abbozz kien qanqal;

b) it-tliet Konferenzi Nazzjonali dwar il-qagħda ta' l-ilsien Malti organizzati mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer mill-1991 sas-sena 2000;

c) il-*Laqgħa ta' Esperti dwar il-Pjanifikazzjoni Lingwistika* organizzata f'Lulju 1992 minn ħames istituzzjonijiet: il-Fondazzjoni għall-Istudju ta'

Soċjetajiet Pluralistiċi (Brussels), l-Istitut tal-Lingwistika ta' l-Università, il-Kunsill Malti tal-Moviment Ewropew, l-Akkademja tal-Malti u l-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali, bl-appoġġ ta' tliet Ministeri, fosthom dak ta' l-Edukazzjoni;

d) il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (*Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1999) li fih jinsab wieħed mill-uniċi tentattivi konxji u interessanti għal politika lingwistika, naturalment limitata għall-qasam ta' l-edukazzjoni skolastika.

Barra minn dan, ta' min isemmi li l-Bord ikkonsidra wkoll il-pjanijiet ta' tifsil lingwistiku li saru f'pajjiżi oħra, l-aktar ta' dawk li s-sitwazzjoni lingwistika tagħhom b'xi mod tixbah lil tagħna, bħalma huma dawk tal-Katalonja, ta' Israel u ta' Wales. L-esperjenza ta' dawn il-pajjiżi li qabilna ħasbu fil-pjanifikazzjoni lingwistika tista' tifthilna għajnejna u ġieli toffrilna mudelli ta' tifsil li diġà nafu r-riżultat u l-effettività tagħhom.

Din il-firxa wiesgħa ta' esperjenzi, ideat u kurrenti minnha nfisha tipprovdi garanzija li l-Bord kien qed janalizza l-problemi mill-angoli essenzjali kollha u jinterpreta l-fehmiet u l-aspirazzjonijiet ta' l-aktar elementi li jaħdmu b'riżq l-ilsien nazzjonali.

### 1.5.2. *Konsultazzjoni mal-pubbliku*

Biex ikun żgur li l-pubbliku Malti kollu jkun jista' jagħti sehmu fi proġett li, fl-aħħar mill-aħħar, jista' jkollu effett fuq il-lingwa tiegħu, il-Bord għamel sejħa pubblika għal suġġerimenti minn individwi u għaqdiet li għandhom għal qalbhom l-ilsien Malti. It-tweġiba għal din is-sejħa kienet inkoraġġanti u ġiet mhux biss minn Malta imma saħansitra minn individwi u għaqdiet Maltin li jgħixu barra minn xtutna. Il-Bord jixtieq jieħu din l-okkażjoni biex jirringrazzja lil kull min għaddielu xi fehmiet u suġġerimenti, u jiżgurah li kkonsidra u xtarr bir-reqqa kull idea li waslitlu.

Meta qorob biex itemm xogħlu, il-Bord organizza seminar nazzjonali biex ifisser il-proposti tiegħu u jilqa' kummenti u suġġerimenti għal titjib. Is-seminar kien miftuħ għal kull min ried jattendi. Nistgħu ngħidu li, imqar

f'dan l-istadju, baqgħu jidħlu suġġerimenti siewja li ġew diskussi u inkorporati fir-Rapport.

### 1.5.3. *Konsultazzjoni ma' l-esperti*

Barra minn dan, billi l-pjan tiegħu jinfirex u jidħol f'bosta oqsma partikolari tal-ħajja Maltija, il-Bord ikkonsulta wkoll persuni esperti li, bil-fehmiet li esprimew fid-diskussjonijiet mal-Bord, għenuh billi wasslulu idea iktar infurmata tal-qagħda u l-ħtiġijiet tal-Malti fl-oqsma partikolari tagħhom.

Hu u joqrob lejn tmiem xogħlu, il-Bord xtaq jiżgura li l-proposti tiegħu jkunu tassew fattibbli u li l-istruttura ssuġġerita minnu tkun tista' tingasta ruħha fl-istrutturi ta' l-Istat skond il-pjanijiet futuri tiegħu u mingħajr tbatija żejda u ħela ta' ħin. Biex jilħaq dan il-għan, l-aktar f'dawn l-aħħar xhur, il-Bord iltaqa' ma' diversi persuni mħarrġa fit-tifsil ta' l-organi ta' l-Istat. L-esperjenza kbira ta' dawn in-nies dehret mill-kwalità tal-kritika li għamlulu, li għenitu jkompli jtejjeb il-proposti tiegħu.

### 1.5.4. *L-appoġġ sħiħ ta' l-għaqdiet tal-Malti*

Matul l-aħħar sitt xhur, u bl-appoġġ premuruż tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, il-Bord iltaqa' mill-anqas darbtejn ma' kull għaqda li taħdem b'riżq il-Malti bil-ħsieb li jintlaħaq konsensus sħiħ dwar it-tip ta' struttura li għandha tiġi ssuġġerita.

Il-Bord jinnota bi pjaċir li dawn il-laqgħat kienu ta' siwi kbir għax saħħew il-fiduċja reċiproka bejn l-għaqdiet u l-Bord u, fejn kien hemm xi ħjiel ta' biża' jew diffidenza, daħlu minflokhom l-entużjażmu u s-sens ta' kooperazzjoni. Dan għaliex l-għaqdiet għarfu fil-proposti tal-Bord pjan li bih jistgħu jingħaqdu u flimkien jaslu aħjar għall-iskopijiet komuni tagħhom, waqt li l-identità u l-kariżma ta' kull għaqda tibqa' bla mittiefsa.

Il-Bord iħossu tassew kburi bil-kisba ta' dan il-konsensus qawwi, li jġib fix-xejn il-fehma mxerrda li l-għaqdiet tal-Malti ma jaslu qatt biex jaqblu bejniethom. Il-kooperazzjoni u l-intenzjonijiet tajba li rajna mill-għaqdiet, li laħqu l-qofol tagħhom fis-seminar ta' Mejju, jagħmlulhom ġieħ u jawguraw tajjeb ħafna għall-futur tal-pjanifikazzjoni tal-Malti.

Mill-banda l-oħra, il-Bord iħossu sodisfatt li din kienet l-ewwel rebħa u garanzija għal dik l-attitudni ta' ħbiberija u kooperazzjoni li huwa qed iniedi bħala distintiv ta' l-istruttura proposta.

## 1.6. *Ħajr*

Matul il-ħidma tiegħu, il-Bord talab u sab l-għajnuna mħeġġa ta' bosta individwi u għaqdiet, li swietlu mhux ftit, l-aktar fil-fażi tad-diskussjoni u l-maturazzjoni tal-proposti ssuġġeriti. Il-Bord jixtieq jirringrazzja lil dawn in-nies għall-kooperazzjoni u l-impenn tagħhom favur ilsienna:

- lill-Perit Michael Falzon, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani (1994-96), li kien il-promutur ta' dan il-proġett; u lill-Onor. Evarist Bartolo, Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura (1996-98) u l-Onor. Dr. Louis Galea, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni preżenti, li komplew jappoġġjawh bis-sħiħ;
- lis-Sur Mario Azzopardi u lil Dr. Paul V. Mifsud, uffiċjali fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, li ħabirku biex il-proġett jimxi 'l quddiem;
- lill-Prof. Oliver Friggieri u lis-Sur Achille Mizzi, li għal xi żmien servew bħala *chairman* u membru tal-Bord rispettivament;
- lill-Eċċ. Tiegħu l-eks-President tar-Repubblika Dr. Ugo Mifsud Bonnici; lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Alfred Sant; lill-eks-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Evarist Bartolo; lil Dr. Edward Warrington mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika ta' l-Università ta' Malta; u lis-Sur Stephen Gioacchino mill-*Management Efficiency Unit*, li għenu lill-Bord bil-pariri siewja li tawh fit-tifsil ta' l-istruttura;
- lill-Onor. Dr. Joe Borg, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin (dak iż-żmien Kap tad-Direttorat dwar l-Unjoni Ewropea), Dr. Simon Busuttil u Ms Elaine Cordina taċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea; lis-Sur Charles Arrigo; lil Dr. Antoinette Camilleri; lis-Sur Terence Portelli; u lis-Sinjura Josephine Zammit Cordina, li għenu lill-Bord jifhem aħjar is-sitwazzjonijiet partikolari ta' l-oqsma tagħhom;
- lil kull min wieġeb għas-sejħa tal-Bord u għaddielu l-fehmiet u s-suġġerimenti tiegħu;

- lill-għaqdiet kollha tal-Malti, li emmnu fil-proposti tal-Bord, tejbuhom bis-suġġerimenti tagħhom u qed jappoġġjawhom bil-ħeġġa kollha.

## 2. L-ISTQARRIJIET TAL-QOFOL

Kull xogħol serju għandu jinbena fuq prinċipji ewlenin u sodi. Għalhekk ħsibna li, qabel ma ngħaddu għall-qalba tar-Rapport, nifirxu quddiem il-qarrejja l-prinċipji ewlenin li minnhom huma mnebbħin il-konklużjonijiet u s-suġġeri-menti tagħna u li jiddefinixxu aħjar l-ispirtu li fih tfasslu u għandhom jittieħdu.

### 2.1. *Il-Malti lsien nazzjonali*

L-istorja turina li, għalkemm matul is-sekli ntuża kemm-l ilsien għall-komunikazzjoni f'dawn il-gżejjer, wieħed biss - l-ilsien Malti - jista' jitqies bħala l-ilsien nazzjonali, fis-sens ta' lsien żviluppat lokalment mill-esperjenza tal-poplu nattiv. Huwa lsien endemiku ta' popolazzjoni żgħira, b'bażi Semitika, li sforz il-qtugħ mill-mamma Għarbija tiegħu u l-kuntatti qawwija u mill-qrib mal-kultura Ewropea matul 900 sena sħaħ, tħawwar u żżewwaq biex sar ilsien uniku ta' interess lingwistiku kbir.

F'dan is-sens il-Malti huwa wirt nazzjonali ta' importanza kbira, għax fih tinġabar bħal f'mużew l-essenza tat-taqlib u t-taħwir ta' l-istorja tagħna. Imma, bil-maqlub tal-fdalijiet tal-mużew, l-ilsien huwa wirt ħaj, mitkellem u miktub ta' kuljum fil-komunikazzjoni bejn il-kotra l-kbira tal-Maltin u għadu jinterpreta b'simboli qodma u ġodda r-realtà l-iktar attwali u tanġibbli tal-Malti modern. Huwa wkoll l-ilsien li bih hija possibbli l-ikbar komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini Maltin kollha.

Il-Malti huwa wkoll ilsien li għadda minn żvilupp soċjali kbir għaliex bix-xieraq kellu sehem ewlieni fil-mixja tal-poplu tagħna lejn it-twettiq tiegħu nnifsu. Kien għalhekk li, hu u jiċċara l-identità nazzjonali tiegħu bħala poplu għalih, ġensna dejjem ħares lejn l-ilsien Malti bħala parti essenzjali minn din l-identità u xhieda ta' l-individwalità tiegħu, u meta ġie biex jikteb il-Kostituzzjoni ħielsa tiegħu, bi dritt ħatar lil dan l-ilsien bħala l-ilsien nazzjonali ta' Malta. Dan kien pass importanti għax bih ġie magħruf uffiċjalment il-fatt indiskutibbli li l-Malti kien u għandu jkun l-ilsien ta' dawn il-gżejjer.

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet storiċi dwar il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali, joħorġu l-punti li ġejjin.

### 2.1.1. *Patrimonju mħares*

Bħala parti mill-patrimonju nazzjonali, l-ilsien Malti għandu d-dritt għall-ħarsien u l-kura kollha ta' l-Istat, u għandu jitqies kif jixraq kull meta jiġu diskussi żviluppi li jistgħu jolqtu l-identità Maltija. Il-ħtieġa ta' din il-protezzjoni toħroġ iktar qawwija meta tqis iċ-ċokon ta' dan l-ilsien endemiku u l-mod kif hu, flimkien mal-kultura kollha tagħna, huwa espost għall-influwenzi kbar barranin.

Il-Bord huwa tal-fehma li jaqa' qabelxejn fuq il-Gvern bħala rappreżentant tal-poplu d-dmir li jara li l-ilsien nazzjonali jkun imħares u promoss kif jixraqlu. Din il-funzjoni sa issa twettqet, b'sagrifiċċju u ġenerożità liema bħalhom, minn għaqdiet volontarji — ewlenija fosthom l-Akkademja tal-Malti — li ħadmu kemm felħu mqar meta ż-żminijiet kienu ostili għall-Malti. B'dan urew li ħarsithom kienet tara fil-bogħod, u ż-żmien tahom raġun. Illum li l-poplu tagħna qed ifittex li jorganizza dejjem aħjar l-oqsma pubbliċi tal-ħajja tiegħu, l-Istat għandu jerfa' magħhom dan il-piż waqt li, bħal f'kull qasam ieħor, jassigura b'modi effiċjenti l-imparzjalità u s-serjetà matul dan il-proċess. Għax l-ilsien Malti huwa parti essenzjali mid-demokrazija tagħna. Il-Bord jinnota bi pjaċir li t-twaqqif stess tiegħu minn Ministeru tal-Gvern jawgura li fl-aħħar l-Istat qed jikkonsidra li hu wkoll jieħu fuqu dan il-piż, li bi dmir hu tiegħu, u jkun iktar lest biex jgħin u inqas xħiħ milli kien sa issa fejn jidħol ilsien il-poplu.

### 2.1.2. *Dritt taċ-ċittadin*

Kull Malti għandu d-dritt għal dan l-ilsien bħalma għandu d-dritt igawdi kull parti mill-wirt nazzjonali tiegħu. Dan ifisser li l-Istat għandu jieħu ħsieb li fl-oqsma kollha essenzjali tal-ħajja Maltija — fosthom dawk ta' l-edukazzjoni, tal-medja u b'mod speċjali l-oqsma li jgawdu prestiġju soċjali — il-Malti jkun irrappreżentat u żviluppat bħala l-għodda ewlenija tal-komunikazzjoni. F'livell ieħor, ifisser li kull ċittadin Malti għandu jingħatalu

aċċess sħiħ għalih qabelxejn mill-familja, imbagħad mill-Istat, mill-Knisja u mill-korpi kostitwiti l-oħra tal-pajjiż.

### 2.1.3. *Ilsien b'appell demokratiku*

Billi matul l-istorja hu waħdu qatt ma kien assoċjat mal-ħakkiem barrani jew ma' xi klassi pprivileġġjata, imma ntrefa' minn pożizzjoni soċjali baxxa għal-livell ta' lsien nazzjonali, il-Malti huwa l-uniku lsien f'Malta li għandu appell tassew demokratiku u jirrappreżenta l-mixja tal-poplu ta' l-art lejn il-progress. Dan il-fatt messu diġà ġie sfruttat aħjar mill-Istat fil-proċess tad-demokratizzazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin.

### 2.1.4. *Il-ġrieħi tal-ħakma*

Għal bosta sekli matul l-istorja tiegħu, il-Malti kellu jgħix ma' lsien ieħor barrani, u kull wieħed kien jaqdi l-funzjoni differenti tiegħu. Waqt li l-Malti kien l-ilsien tal-kotra, li ħafna minnha ma kinitx taf ħliefu, l-ilsien barrani kien jintuża bħala l-ilsien uffiċjali u tal-kultura. B'hekk il-Malti għal żmien twil tħalla barra mill-oqsma uffiċjali, intellettwali u xjentifiċi. L-effetti ewlenin ta' din il-limitazzjoni kienu tnejn u d-diwi tagħhom għadu jista' jinħass sal-lum minkejja li l-Malti issa ilu iktar minn ħamsa u sittin sena li ħa postu bħala l-ilsien nazzjonali tal-pajjiż.

L-ewwelnett, waqt li żviluppa sewwa f'ċerti oqsma tal-ħajja, il-Malti baqa' limitat bis-sħiħ fir-reġistri lingwistiċi li fihom ma daħalx u ma tħaddimx. Dan ifisser li għandna quddiemna l-isfida li niżviluppawh fl-oqsma kollha tal-ħajja moderna jekk irridu li jkun tassew l-ilsien nazzjonali tagħna. It-trawwim u l-promozzjoni tal-Malti għandhom jinfirxu fl-oqsma intellettwali, u fuq kollox f'dawk li f'moħħ il-Maltin igawdu prestiġju għoli, bħall-oqsma ta' l-ekonomija, tan-negozju, tax-xjenza u tad-divertiment taż-żgħażagħ. B'hekk biss il-Malti jista' jasal biex jegħleb l-iżvantaġġ kbir li nġema' matul sekli sħaħ ta' nuqqas ta' żvilupp tiegħu.

It-tieni effett ta' din is-sitwazzjoni jintrabat sħiħ ma' ta' l-ewwel. Il-qagħda żvantaġġata tal-Malti ħdejn l-ilsien barrani u t-tbarrija tiegħu mill-oqsma prestiġjużi tal-ħajja soċjali ma setgħux ma jagħmlux ħsara kbira lill-

prestiġju tal-Malti f'moħħ il-Maltin infushom. Bosta — imqar dawk li jħobbu l-Malti — kienu jbatu b'nuqqas ta' fiduċja fihom infushom u fi lsien art twelidhom. It-tħabrik ta' nies u għaqdiet imdawlin, kif ukoll l-indipendenza politika, għenu mhux ftit biex jinkisbu s-sens ta' sigurtà, il-fiduċja fina nfusna u l-apprezzament ta' dak li hu tagħna, inkluża l-lingwa. Imma ħarsa madwarna turina li f'dan baqa' ħafna xi jsir. Aħna nemmnu li l-Istat għandu jkun minn ta' quddiem biex, waqt li minn naħa joħloq l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' l-ilsien nazzjonali fl-oqsma tal-prestiġju, min-naħa l-oħra bil-piż uffiċjali u bi mġiba inekwivokabbli favur il-Malti, f'Malta u barra, jgħin biex jixxejjen kull sens ta' inferjorità li jista' jkun għadu jitnikker fi mħuħ xi wħud. Għax ir-rebħa ta' l-ilsien nazzjonali hija kisba li trid tiġġedded ta' kuljum.

## 2.2. *Is-sitwazzjoni bilingwi ta' Malta*

Dak kollu li għedna dwar il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali għandu jitqiegħed fil-kwadru usa' tal-qagħda lingwistika ta' Malta. Għax, kif fissirna diġà, il-Malti sa mit-tnissil tiegħu kellu jaqsam il-kamp tiegħu ma' lsien ieħor, jew iktar. U hawn ukoll jeħtieġ li ssir distinzjoni. Waqt li sa ċertu żmien (nistgħu ngħidu sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija) kull ilsien kien marbut ma' taqsima tal-popolazzjoni, jekk mhux ukoll ma' klassi soċjali waħda, illum nistgħu ngħidu li bid-demokratizzazzjoni tat-tagħlim il-parti l-kbira tal-poplu Malti hija bilingwi, fis-sens li għandha ħakma ġmielha fuq żewġ ilsna, il-Malti u l-Ingliż. Għalhekk illum, għall-ewwel darba, il-kelliem Malti jista' jagħżel jekk fit-taħdit tiegħu jfissirx ruħu bil-Malti jew bl-Ingliż. Din is-sitwazzjoni ġdida hija riflessa tajjeb fil-Kostituzzjoni ta' Malta li fiha, barra li l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali, insibu wkoll li l-Malti u l-Ingliż flimkien huma l-ilsna uffiċjali.

Jidhrilna li s-sitwazzjoni bilingwi ta' Malta hija fit-teorija waħda li toqrob lejn l-ideali, u li l-Maltin għandhom japprezzawha u jisfruttawha bis-sħiħ. Aħna poplu żgħir bi lsien nazzjonali li ssawwar matul storja twila u li fih tinġabar u tesprimi ruħha l-identità tiegħu, u fl-istess ħin b'ħakma tajba ta' lsien li jgħaqqdu mad-dinja, ilsien internazzjonali mfittex u mħaddem minn bosta popli għax sar assoċjat mal-progress innifsu. Dan id-duwaliżmu huwa frott ta' l-essenza ta' artna: minn banda gżira żgħira u mkenna, mill-

oħra pont ta' għaqda u ċentru ta' kuntatti mondjali; identità nazzjonali rikka u ftuħ u parteċipazzjoni dejjem ikbar fil-kurrenti internazzjonali. Il-muftieħ għal dawn iż-żewġ dinjiet jew dimensjonijiet ta' l-identità Maltija qiegħed f'idejna u għandna nibżgħu għalih.

Waqt li japprezza l-ħtieġa li l-Malti bħala lsien żgħir ikollu l-kura u l-ħarsien mill-influssi esaġerati ta' ilsna ġgantin - ħtieġa li fl-aħħar mill-aħħar iħossu u jesprimu ta' sikwit imqar popli ta' l-Ewropa b'ilsna wisq ikbar minn tagħna - il-Bord iħoss li kull tifsil għal-lingwa f'Malta, għall-Malti kif ukoll għall-Ingliż, ma jistax isir sewwa jekk ma jsirx fid-dawl ta' din id-dimensjoni bilingwi u l-missjoni doppja ta' Malta. Jekk il-Kostituzzjoni - il-ġabra ta' l-ogħla xewqat tal-Maltin - tqiegħed iż-żewġ ilsna bħala uffiċjali, dan ifisser li t-tnejn għandhom sehemhom fil-kors ta' l-iżvilupp tas-soċjetà Maltija, kull wieħed skond il-funzjoni tiegħu: il-Malti bħala l-ilsien ta' l-identita' u tal-komunikazzjoni bejn il-Maltin, l-Ingliż bħala l-ilsien tal-komunikazzjoni mad-dinja.

Dment li jiġi rrispettat ir-rwol ta' kull waħda miż-żewġ lingwi u jkunu spelluti ċar il-funzjonijiet li joħorġu minnhom, il-bilingwiżmu tagħna jkun imħares u jagħti l-aħjar frott. U ż-żewġ ilsna ma jkunux f'konfront u f'kompetizzjoni, imma id f'id - kull waħda fil-limiti stabbiliti tagħha - jgħinu fl-edukazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ tagħna u fit-trawwim ta' nazzjon f'sikktu, Malti u progressiv.

Huwa dnub li għadd imdaqqas ta' Maltin — imqar istruwiti — iqisu l-bilingwiżmu tagħna bħala piż żejjed li jtaqqal għalxejn il-moħħ tari ta' l-ulied. U mhumiex ftit dawk li qed jagħżlu li dan il-"piż" iwarrbuh u jagħżlu li jkellmu 'l uliedhom bi lsien wieħed. Tajjeb li nagħmluha ċara li studji u testijiet reċenti f'partijiet diffe-renti tad-dinja[1] wrew li l-edukazzjoni bilingwi mhux talli ma ttellifx l-iżvilupp mentali tat-tfal, imma tista' tgħinhom b'mod li intellettwalment jagħtu riżultati aħjar minn sħabhom imtellgħin b'lingwa

---

[1] Ara, pereżempju, (għall-Kanada) E. Peal u W. Lambert, "The relation of bilingualism to intelligence" f'*Psychological Monographs* LXXVI/27:1-23, 1962, u S. Scott, "The relation of divergent thinking to bilingualism: cause or effect?" f'*Research Report*, McGill University, 1973; (għall-Affrika t'Isfel) A. D. Ianco-Worrall, "Bilingualism and cognitive development" f'*Child Development*, 43:1390-1400, 1972; u (għall-Istati Uniti) S. Ben-Zeev, "The influence of bilingualism on cognitive strategy and cognition" f'*Child Development*, 48:1008-1018, 1977.

waħda. Biex ma nsemmux ukoll li jkunu jippossedu żewġ ilsna tajjeb, waqt li l-oħrajn jista' jkun li qatt ma jkollhom ħakma sħiħa ħlief fuq ilsien wieħed, dak li trawmu fih minn ċkunithom.

Għalhekk fix-xogħol tiegħu l-Bord żamm quddiem għajnejh il-funzjonijiet taż-żewġ ilsna kif preskritti fil-Kostituzzjoni, u għalkemm fassal għall-Malti kif kien mitlub, dan ipprova jagħmlu dejjem fid-dawl tas-sitwazzjoni bilingwi kif ġiet imfissra hawn fuq. U minn hawn jixtieq jagħmel appell biex fid-diskussjoni pubblika ma nibqgħux inqiegħdu l-interessi ta' lsien kontra dawk ta' l-ieħor. Fis-sewwa, aħna nemmnu li hemm biss l-interessi tal-poplu Malti, wieħed u indiviż, li jfissru ruħhom biż-żewġ ilsna skond id-dimensjonijiet tiegħu, ta' ċittadin ta' art twelidu u tad-dinja.

## 2.3. *Il-Malti fl-Ewropa*

Din id-dimensjoni doppja taċ-ċittadin Malti bix-xieraq qed tispikka u tiġi diskussa wisq iktar bħalissa, meta Malta qed tikkonsidra li tibni relazzjoni iktar sħiħa ma' komunita' ikbar ta' pajjiżi Ewropej. Din hija proposta li għandha bosta lati, fosthom il-lat politiku, li aħna m'għandna l-ebda ħsieb li nidħlu fihom. Hawnhekk qed nitkellmu fuq il-lingwa, u din il-proposta qed neżaminawha biss skond it-tagħrif li għandna u mil-lat ta' kif dan il-pass importanti jista' jolqot l-ilsien Malti. U qed niddiskutuha għax hija t-triq li l-Gvern Malti qed jimxi fiha, u jaqbel li nkunu infurmati u jkollna opinjoni dwarha, biex ma jiġrix li jekk tasal toħodna għal għarrieda.

Ma' l-indipendenza tagħha, Malta setgħet tapprofitta billi tissieħeb f'organiz-zazzjonijiet dinjija bis-saħħa tagħha stess bħala pajjiż sovran, għalkemm żgħir. Imma, kif jgħid il-Malti, "Il-ħuta ż-żgħira qatt ma kielet il-kbira." U ċ-ċokon ta' Malta, jekk m'għadux theddida għas-sovranita' tagħha, ma jistax ma jqigħedx is-sopravvivenza tal-kultura nazzjonali f'ċertu periklu meta tiġi biex tingħaqad f'għadajjar li fihom mhijiex ħlief qatra żgħira. Imma x'inhi l-qagħda tal-Malti fost l-ilsna ta' l-Ewropa f'din l-għadira kbira?

Bosta mill-pajjiżi ta' l-Ewropa, barra mill-ilsien uffiċjali (jew nazzjonali) tagħhom, għandhom ukoll numru ta' ilsna iżgħar mitkellma f'daqstant

partijiet tal-pajjiż. Dawn jissejħu "ilsna minoritarji" għax huma mitkellma minn minoranza, żgħira jew kbira, taċ-ċittadini u ġeneralment m'għandhomx l-istatus ta' ilsna uffiċjali. Dawn il-kelliema ġieli jkunu jużaw iż-żewġ ilsna (l-ilsien nazzjonali u l-minoritarju) u ġieli jkunu jafu l-ilsien minoritarju biss. Hekk insibu, fi Spanja ngħidu aħna, minoranza Katalana ta' madwar sitt miljun ruħ, li titkellem bl-Ispanjol u l-Katalan jew bil-Katalan biss. Iżda l-Malti f'dan is-sens mhuwiex ilsien minoritarju, għaliex huwa l-ilsien tal-maġġoranza l-kbira taċ-ċittadini Maltin.

Fl-istess ħin, jibqa' l-fatt li fil-kwadru vast ta' madwar ħamsin lingwa fl-Ewropa — li tmintax minnhom huma mitkellma minn iktar minn għaxar miljun ruħ — il-Malti, mitkellem biss minn terz ta' miljun, huwa tassew ilsien ċkejken, u wisq iżgħar minn bosta ilsna minoritarji.

Mela waqt li mhux ilsien minoritarju f'artu - fejn igawdi status sħiħ ta' lsien uffiċjali u nazzjonali u hu mitkellem mill-kotra l-kbira - huwa lsien tassew żgħir ħdejn il-massa kbira ta' kelliema Ewropej li ma jitkellmuhx. Imma, mill-banda l-oħra, l-istess jista' jingħad għal tant ilsna nazzjonali Ewropej (bħat-Taljan, il-Grieg u d-Daniż) li huma mitkellma f'arthom biss u, għalkemm kbar, bħalna mhumiex jaspiraw li jkunu fost l-aktar ilsna użati fl-Unjoni Ewropea.

X'inhi s-sitwazzjoni ta' l-ilsna fl-Unjoni Ewropea? Nistgħu ngħidu li, f'linja ġenerali, imma b'xi eċċezzjonijiet, il-lingwa uffiċjali ta' kull pajjiż imsieħeb hija awtomatikament lingwa uffiċjali (*official language*) ta' l-UE. L-eċċezzjonijiet huma l-Lussemburgu u l-Irlanda. F'dawn iż-żewġ pajjiżi, wieħed mill-ilsna uffiċjali — dak li fil-fatt jista' jitqies "nazzjonali" — ma ntgħażilx bħala lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, u minfloku nsibu l-lingwa/i uffiċjali l-oħra.

Skond iċ-ċirkustanzi, lingwa uffiċjali ta' l-UE tista' wkoll tingħażel bħala *working language* biex tintuża f'laqgħat inqas formali għall-komunikazzjoni prattika fix-xogħol ta' kuljum. Iżda sal-lum, il-lingwi li qed jintużaw bħala *working languages* huma l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Meta lingwa tingħażel bħala lingwa uffiċjali ta' l-UE (a) jinkitbu biha r-Regolamenti u d-dokumenti l-oħra ta' applikazzjoni ġenerali, u (b) jiġi ppubbli-kat biha l-*Official Journal of the European Communities*. Mill-

banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tistipula fir-regoli tal-proċedura tagħha liema lingwa/i tintuża/jintużaw f'każi speċifiċi, u ġeneralment tgħodd il-lingwa ta' min ikun qed itella' l-każ bħala l-lingwa uffiċjali tal-każ.

Hija l-fehma tal-Bord li, bħala pajjiż sovran, Malta m'għandhiex taċċetta inqas minn dak li ngħata lill-membri l-oħra ta' l-Unjoni fejn tidħol il-lingwa.

Fl-istess ħin, wieħed għandu jinnota dawn il-kundizzjonijiet partikolari tas-sitwazzjoni Maltija.

a) F'Malta għandna żewġ ilsna uffiċjali.
b) Il-funzjoni marbuta ma' dawn l-ilsna s'issa kienet ta' lsien nazzjonali għall-komunikazzjoni bejn il-Maltin, u lsien ta' komunikazzjoni internazzjonali.
c) Minkejja li għandna żewġ ilsna uffiċjali, għall-kotra l-kbira tal-Maltin il-Malti huwa l-ilsien nattiv, għalkemm bosta jafu jinqdew ukoll bl-Ingliż. L-Ingliż huwa l-ewwel lingwa ta' perċentwal tassew żgħir tal-popolazzjoni. Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni Irlandiża, fejn il-maġġoranza l-kbira tal-poplu, madwar 95%, titkellem bl-Ingliż biss u madwar 5% bl-Irlandiż.

Meta jqis dawn iċ-ċirkustanzi kollha u l-fatt li kull każ jippreżenta sitwazzjoni tiegħu partikolari u jista' jiġi diskuss għalih, il-Bord huwa tal-fehma li Malta għandha timmira għal dawn il-kundizzjonijiet fit-talba tagħha biex tissieħeb fl-UE.

a) Il-Malti jkun ilsien uffiċjali ta' l-UE;
b) Ir-Regolamenti u d-dokumenti l-oħra ta' applikazzjoni ġenerali jinqalbu għall-Malti;
c) L-Official Journal of the European Communities jiġi ppubblikat bil-Malti;
d) Meta ċittadin Malti jtella' każ quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Malti jkun il-lingwa uffiċjali tal-każ, sakemm dan iċ-ċittadin ma jitlobx li jkun mod ieħor.

## 2.4. *Id f'id bil-kunfidenza*

Ikollna ngħidu li, b'xorti ħażina, fejn tidħol il-lingwa bosta drabi ma jonqsux ukoll xi ideat estremisti. Ewlenija u komuni fosthom — għalkemm armajn megħluba diġà f'bosta pajjiżi — hija l-idea li għandu jkun hemm xi awtorità lingwistika severa, li xogħolha huwa li kontinwament tiċċensura, jekk mhux ukoll tikkastiga u timmulta, lil min ma jużax il-lingwa kif tistabbilixxi l-istess awtorità. Iżda l-lingwa hija qabelxejn tal-poplu li jitkellimha u li kien id-depożitarju ewlieni tagħha matul is-sekli biex wassalhielna sħiħa u sabiħa kif nafuha. Madankollu, ftit tal-gwida u ta' l-għajnuna esperta jistgħu jgħinu mhux ftit biex ilsien il-poplu jisseddaq u jissaħħaħ, l-aktar fi żmien meta l-iżvilupp tiegħu, forsi iktar milli f'idejn il-poplu, qiegħed f'idejn forzi oħra bħalma huma l-medja.

### 2.4.1. *Servizz ta' għajnuna*

Waqt li jifhem il-ħtieġa tal-korrettezza u l-uniformita' fl-użu ta' l-idjoma u l-ortografija Maltija, il-Bord huwa tal-fehma li l-aħjar triq — ukoll jekk mhix dejjem l-iqsar — hija dik tal-persważjoni u tas-servizz. Kien għalhekk li fl-istrut-tura ħaseb għat-twaqqif ta' Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi li jaħdem biex il-kawża tal-Malti titfisser, titwassal u tixxerred b'metodi moderni u effettivi. Meta qed jitkellem fuq struttura permanenti għall-iżvilupp tal-Malti, il-Bord qiegħed jifhem struttura li l-mira tagħha tkun li tagħti servizz ta' għajnuna u parir espert, u li tiggwida u ddawwal it-triq lil min, impenjat fil-qasam tax-xogħol tiegħu, wisq drabi la għandu l-ħin u lanqas it-tħejjija akkademika meħtieġa biex f'xogħlu jħaddem Malti tajjeb, u ġieli jispiċċa ma jużah xejn. Huma ħafna l-ħaddiema li jitolbu d-dawl u t-tagħrif fejn tidħol il-lingwa, u ħafna l-oqsma li għadhom mhux maħduma fi lsienna. Minflok ma nkunu pronti naqbżu fuq min jiżbalja — forsi għax ipprova — ejjew noffru servizz liċ-ċittadin li jserraħlu rasu mill-inċertezza fl-użu u fil-kitba tal-Malti u li jurih kif mhemmx qasam wieħed fil-ħajja li ma jistax jissarraf sewwa bil-Malti meta jagħraf iħaddmu sewwa.

### 2.4.2. *Ħidma flimkien*

Għelt ieħor li ta' sikwit ibejjet fost dawk li huma mħeġġa għall-Malti huwa l-ispirtu ta' tmerija, konfrontazzjoni u firda, kultant fuq ħwejjeġ ta' importanza relattivament żgħira. Imqar il-ħolqien ta' dan il-Bord — li fis-sewwa kien ilu fil-ħsieb u x-xewqa ta' bosta — għall-bidu ħabat se jqajjem xi lmenti u suspetti, li llum ġew fix-xejn. Kif għedna iktar 'il fuq, għalina l-fatt li l-Istat qed juri li jrid jieħu bis-serjetà — u minn jeddu — il-kura tal-lingwa nazzjonali huwa fatt pożittiv u pass ġdid u ogħla fir-rebħa ta' lsienna. Aħna rridu li l-Gvern ta' Malta jikkommetti ruħu bil-fatti, bid-dieher u b'impenn favur il-Malti. Għax il-lingwa nazzjonali hija ġid pubbliku tal-komunita' u mhux intrapriża privata, u jixirqilha l-appoġġ u l-għajnuna tanġibbli li jingħataw oqsma oħra li huma kkurati u żviluppati b'serjetà u professjonalita' kbira mill-fondi pubbliċi.

Il-problemi u d-diffikultajiet ta' l-iżvilupp li qed jiffaċċja l-Malti jitolbu minna serjetà akbar. Jitolbu minna li naqbdu id f'id u niġbdu ħabel wieħed, għax fil-għaqda hemm is-saħħa. Għalhekk, waqt li qed jgħaddi dan ir-Rapport lill-Ministru li talabhulu, il-Bord jixtieq jagħmel appell biex f'kull tifsil għall-Malti, u mhux inqas fl-istruttura proposta, l-għaqdiet u l-korpi li jaħdmu f'dan il-qasam jiġu mhux biss ikkonsultati imma involuti organikament, kulħadd skond is-sejħa u l-potenzjal tiegħu. B'hekk għall-ewwel darba jkollna pjan nazzjonali li fih kull għaqda u soċjetà li sa issa qed taħdem fl-iżolament, tibda tiffunzjona id f'id ma' l-oħrajn bi qligħ ikbar għalina lkoll. Għax l-għan tagħna huwa wieħed u komuni. Għandna f'moħħna l-għaqdiet volontarji li jaħdmu għall-Malti, korpi akkademiċi bħad-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università, u mhux inqas individwi studjużi li qed jikkontribwixxu f'dan il-qasam. Magħhom inqisu wkoll bosta għaqdiet li jaħdmu f'oqsma differenti imma li f'sens wiesa' għandhom l-istess għan li jsaħħu s-sens ta' identita' Maltija, bħalma huma għaqdiet ta' l-istorja, il-ġografija, il-folklor, l-ambjent u l-ġurnaliżmu.

# 3. IL-PROPOSTI

## 3.0. *Premessa*

Il-Bord huwa tal-fehma li sa issa għad m'għandniex stampa ċara tas-sitwazzjoni tal-lingwa f'Malta. Dan jidher mill-fatt li bosta tagħrif dwar l-użu tal-Malti f'oqsma differenti tal-ħajja għadu ma jinsabx kif jinsab f'pajjiżi oħra fejn it-tifsil għal-lingwa ilu jittieħed bis-serjetà. Ngħidu aħna, m'għandniex statistika eżatta dwar kemm jinqara l-Malti ħdejn lingwi oħra; liema dipartimenti tal-gvern u liema organizzazzjonijiet mhux-governattivi jużaw il-Malti u liema l-Ingliż fil-korrispondenza mal-klijenti; ma nafux jekk l-irġiel jużawx il-Malti inqas min-nisa jew iktar; lanqas kemm huwa minnu li ċerti nħawi msejħa "tal-pepè" jużaw il-Malti inqas minn ħaddieħor.

Sa issa, kull min jikteb dwar il-Malti fl-isfond bilingwi tagħna jista' jkun imdawwal biss mill-fehmiet u l-impressjonijiet lingwistiċi tiegħu, u jista' jkun saħansitra mogħmi mill-preġudizzji soċjali. Fl-aħjar sitwazzjoni, jista' jkun qed jistrieħ fuq l-intwizzjoni li, imqar jekk tkun tajba, ma tkunx ikkwantifikata. Barra minn dan, l-impressjonijiet l-aktar komuni jittieħdu minn dak li jinkiteb fil-gazzetti dwar il-lingwa, meta nafu li dawk li jiktbu fil-gazzetti huma biss parti żgħira ħafna mill-poplu kollu.

Kif intqal diġà, stħarriġ komprensiv u serju bħalma neħtieġu qabel ma nfasslu għal-lingwa jieħu ż-żmien u jiswa l-flus. U billi aħna, bħala Bord temporanju u li jaħdem bla ħlas u bla baġit, la kellna l-wieħed u lanqas l-ieħor, ħassejna li, biex inkunu prudenti u fl-aħħar mill-aħħar konsistenti, ma għandniex nippruvaw inteftfu f'oqsma partikolari u ngħidu dak li nħossu u naħsbu, la dan ix-xogħol tista' tagħmlu b'serjetà u b'eżattezza ikbar dik l-istruttura li aħna stess qegħdin nissuġġerixxu t-twaqqif tagħha. U, għall-inqas aħna, ma nkomplux inżidu mal-massa ta' kitba u fehmiet dwar il-Malti msejsa fuq it-tafal.

## 3.1. *Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti*

Biex l-iżvilupp u l-ħarsien tal-lingwa Maltija b'mod effettiv ikunu ggarantiti, il-Bord jemmen bis-sħiħ li hemm ħtieġa urġenti li titwaqqaf struttura

permanenti, li hawnhekk qed tissejjaħ il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti. Dan is-suġġeriment huwa mseddaq mit-Termini ta' Referenza li bihom inħatar il-Bord mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, li jispeċifikaw li l-Bord għandu "jħejji l-istruttura meħtieġa għall-ħarsien tal-Malti, anke permezz ta' leġiżlazzjoni."

L-għan ewlieni tal-Kunsill Nazzjonali għandu jkun li, wara osservazzjoni għaqlija tal-qagħda ta' l-ilsien Malti, ifassal politika lingwistika xierqa u jara li tkun implimentata u osservata f'kull qasam tal-ħajja Maltija, għall-ġid u l-iżvilupp ta' l-ilsien nazzjonali.

Bil-frażi "politika lingwistika" hawnhekk qed infissru korp ta' linji ta' gwida li jinfluwenzaw l-imġiba lingwistika ta' poplu. Din il-politika titfassal minn min ikun kompetenti fl-istudju tal-lingwa u titwettaq bil-konferma ta' l-awtoritajiet statali, imma f'pajjiż demokratiku tkun ibbażata fuq dak li l-poplu stess ikun jixtieq, jemmen u jaspira għalih.

Kull sena l-Kumitat Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Rapport Amministrattiv dwar il-ħidma li tkun twettqet u kif din tintrabat mal-pjanijiet fit-tul tal-Kunsill Nazzjonali.

Fix-xogħol tiegħu ta' tifsil, il-Kunsill Nazzjonali għandu jfittex li jivvaluta u jikkoordina l-ħidma ta' kull min hu impenjat f'dan il-qasam, kemm għaqdiet kif ukoll individwi, b'mod li kull wieħed isib postu fil-politika u fl-istruttura tal-Kunsill Nazzjonali mingħajr ma jċedi xejn mill-identita' u s-sejħa tiegħu. Il-Kunsill Nazzjonali għandu jkun l-element li jgħaqqad flimkien l-interessi kollha tal-Malti u jindirizzahom lejn is-suċċess. Għalhekk għandu jfittex li joħloq opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni bejn kull min hu impenjat favur l-ilsien nazzjonali.

Waqt li l-Kunsill Nazzjonali jkun soċjetà li tgawdi saħħa legali, fl-aġir tiegħu għandu jagħmel ħiltu qabelxejn biex jgħin u jistimula l-ħidma meħtieġa, u biex jikkonvinċi aktar milli jiċċensura. Għandu jkun jixbah lil dak il-missier li, għalkemm għandu l-awtorità meħtieġa biex jikkastiga, jippreferi jsolvi l-problemi billi jiddjaloga ma' wliedu u jtihom l-appoġġ meħtieġ. Sa issa forsi konna iktar bħal dak l-ieħor li dejjem jisbel u

jgħajjat, imma li qajla huwa obdut u rrispettat minn uliedu, għax ma għarafx jifhimhom u jaqsam magħhom il-problemi tagħhom.[2]

Lilhemm mis-saħħa legali, is-saħħa tal-Kunsill Nazzjonali trid tiġi mis-serjetà tas-servizz tiegħu u mill-fiduċja li jispira fost il-poplu. Huwa għalhekk li l-Bord qed jissuġġerixxi struttura li tkun permanenti, tassew professjonali, u mħallsa mill-fondi pubbliċi, biex tibqa' responsabbli lejn il-poplu li f'kull mument ikun jista' jitlob sodisfazzjon u rendikont tal-ħidma tiegħu. Għax l-ilsien nazzjonali huwa ġid komuni li l-poplu għandu jkollu d-dritt u l-mezzi biex jiżgura ż-żamma u t-tħaddim tajjeb tiegħu.

L-istruttura tal-Kunsill Nazzjonali tkun artikolata f'għadd ta' korpi li jaħdmu fi ħdanu, li jkun kbir biżżejjed biex jippermetti l-iżvilupp separat tal-friegħi differenti, imma żgħir biżżejjed biex jibqa' jiggarantixxi l-kuntatt organiku tal-korpi differenti bejniethom u l-kontroll tagħhom mill-Kunsill Nazzjonali. B'hekk jibqgħu friegħi differenti ta' siġra waħda, u spirtu wieħed.

Il-Kunsill Nazzjonali jkun taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika.

Fil-qosor, il-Kunsill Nazzjonali jartikola ruħu f'dawn il-friegħi ewlenin: [3]

a) Il-Kumitat Eżekuttiv;
b) Il-Kummissjoni Teknika (bil-Kumitati tagħha);
c) Is-Segretarjat (bl-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi);
d) Ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja.

Fil-paġna ta' wara wieħed isib rappreżentazzjoni grafika ta' l-istruttura ssuġġerita.

---

[2] F'dan l-ispirtu, il-Bord ħaseb li motto tajjeb għall-Kunsill Nazzjonali jista' jkun *Bil-Kelma t-Tajba*, u għalhekk jixtieq jissuġġerih lil min, jekk Alla jrid, ikun fil-Kunsill Nazzjonali. Dan il-kliem ħafif, filwaqt li jagħti l-idea ta' korrettezza u reqqa fl-għażla tal-kelma, fl-istess ħin huwa idjoma komuni li tfisser bl-aħjar mod l-attitudni ta' konvinċiment li għandha tnebbaħ u ddawwal l-imġiba tal-Kunsill Nazzjonali.

[3] Il-Bord fittex li l-ismijiet li qed jingħataw lill-friegħi tal-Kunsill Nazzjonali, kif ukoll lill-Kunsill Nazzjonali nnifsu, ikunu jaqblu man-nomenklatura li normalment tintuża għal korpi u entitajiet simili fis-servizz pubbliku Malti, u li jinżammu kemm il-ġerarkija stabbilita bejniethom, kif ukoll il-korrispondenza tar-rwoli u l-funzjonijiet ma' dawk ta' korpi paralleli f'oqsma oħra. Dan għandu jiffaċilita u jħaffef l-integrazzjoni ta' din l-istruttura ġdida fi ħdan l-organi ta' l-Istat.




*Rappreżentazzjoni grafika ta' l-istruttura ssuġġerita, li turi l-friegħi ewlenin tal-Kunsill Nazzjonali u r-rabtiet ta' bejniethom.*

### 3.1.1. *Il-Kumitat Eżekuttiv*

- *X'inhu*

Il-Kumitat Eżekuttiv huwa l-id eżekuttiva tal-Kunsill Nazzjonali.

- *Kif inhu kompost*

Il-Kumitat Eżekuttiv huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-aktar istituzzjonijiet — volontarji jew mhumiex — li huma impenjati fil-ħidma favur l-Ilsien Malti jew jinfluwenzawh b'kitbiethom.

Il-Kumitat Eżekuttiv jikkonsisti f'10 membri bil-vot, li wħud minnhom iservu *ex ufficio* u oħrajn jinħatru mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni minn fost il-persuni rrakkomandati mill-Akkademja tal-Malti u mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Il-Kumitat Eżekuttiv jinkludi wkoll 2 membri oħra bla vot.

Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv huma:

| | |
|---|---|
| | President[4] (figura stabbilita fl-istudju tal-Malti; maħtura mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni minn fost il-persuni rrakkomandati mill-Akkademja tal-Malti u mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università; *part-time*) |
| | Kap Eżekuttiv (persuna b'kompetenza fl-ippjanar lingwistiku u b'ħila amministrattiva; maħtura mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tal-Kunsill Nazzjonali; *full-time*) |
| | Segretarju (l-Uffiċjal Amministrattiv tas-Segretarjat; persuna bil-kompetenzi normali tas-servizz ċivili; maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv b'sejħa pubblika; *full-time*), bla vot |
| | Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (persuna b'kompetenza professjonali fir-relazzjonijiet pubbliċi; maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv b'sejħa pubblika; *full-time*), bla vot |
| | Żewġ Kapijiet ta' żewġ Kumitati tal-Kummissjoni Teknika (maħtura għal sentejn b'rotazzjoni li ma tiġġeddidx) |
| | L-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni |
| | Rappreżentant tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università |
| | Rappreżentant ta' l-Istitut tal-Lingwistika |
| | Rappreżentant ta' l-Akkademja tal-Malti |
| | Rappreżentant ta' l-għaqdiet tal-Malti (maħtur b'elezzjoni fost l-għaqdiet tal-Malti formalment kostitwiti) |

[4] Il-Bord jidhirlu li, minħabba li l-persuna li tista' tinstab biex tieħu l-uffiċċju ta' President tal-Kunsill Nazzjonali x'aktarx tkun diġà impenjata ħafna f'xogħlijiet oħra, jista' ma jkunx possibbli għaliha li tħalli kollox u taċċetta xogħol *full-time* mal-Kunsill Nazzjonali, avolja dan ikun l-ideali. Għalhekk, il-Bord qed jippreżenta l-alternattiva għal dan, billi jaqsam il-piż bejn President li jkun ikopri l-funzjoni uffiċjali u jkollu onorarju, u Kap Eżekuttiv *full-time* li fuqu jaqa' l-piż il-kbir tax-xogħol effettiv.

| | |
|---|---|
| 🚹 | Rappreżentant tal-*Press Club (Malta)* |

- *Kif jintrabat mal-friegħi l-oħra*

Il-Kumitat Eżekuttiv huwa l-ogħla korp tal-Kunsill Nazzjonali u l-organu eżekuttiv tiegħu. Għaldaqstant, il-friegħi l-oħra kollha huma suġġetti għad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv. Iżda f'deċiżjonijiet li jkunu ta' natura lingwistika teknika, il-Kumitat Eżekuttiv ma jistax jaġixxi bl-inizjattiva tiegħu, imma jiddelibera biss fuq l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' politika lingwistika li jkunu tqiegħdu quddiemu mill-Kummissjoni Teknika.

- *X'inhu xogħlu*

Xogħol il-Kumitat Eżekuttiv huwa li jara li l-politika lingwistika deċiża mill-Kummissjoni Teknika titqiegħed fil-prattika, permezz ta' provedimenti u/jew leġiżlazzjoni li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u fidila tagħha. Bil-għajnuna ta' l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, il-Kumitat Eżekuttiv irid ifittex l-aħjar modi biex il-politika tilħaq l-għan tagħha b'mod effettiv, u jimmonitorja l-andament tal-provedimenti meħuda. Fejn il-provedimenti ma jkunux osservati, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun qed iwettaq dan in-nuqqas u, jekk ikun jeħtieġ, ta' l-awtoritajiet, u jara li tittieħed azzjoni.

Xogħol importanti tal-Kumitat Eżekuttiv huwa li, megħjun mill-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, jivvaluta u jikkoordina x-xogħol li diġà qed isir minn għaqdiet u individwi, irawwem atmosfera ta' kooperazzjoni fuq pjan miftiehem u jiġbed l-attenzjoni ta' kull min jista' jikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-Malti għall-ħidma li tkun meħtieġa biex titwettaq il-politika lingwistika. Fejn ikun jinħtieġ, jista' wkoll jikkommissjona x-xogħol li jrid isir.

Megħjun mill-Uffiċjal Amministrattiv tas-Segretarjat, il-Kunsill Nazzjonali għandu jfittex riżorsi finanzjarji li jistgħu jinġabru minn barra jew lokalment biex ikun jista' jsaħħaħ l-attività tiegħu, u b'mod speċjali dawk ir-riżorsi li diġà huma aċċessibbli minn organizzazzjonijiet internazzjonali kbar għal skopijiet ta' riċerka, promozzjoni ta' l-ilsna ż-żgħar u proġetti oħra ta' bdil ta' riżorsi umani.

Għal ħidma ta' riċerka meħtieġa mill-Kummissjoni Teknika (bħal stħarriġ u kwestjonarji), il-Kunsill Nazzjonali għandu jfittex li jutilizza r-riżorsi umani kollha li diġà jeżistu billi jħajjarhom u jindirizzahom għall-pjan tiegħu. Għandna f'moħħna, ngħidu aħna:

a) il-kollaborazzjoni ma' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika;
b) il-kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet tal-Malti u l-Università;
c) l-użu tat-teżijiet, dissertazzjonijiet u proġetti fil-livell terzjarju;
d) l-użu tax-xogħol tas-sajf ta' l-istudenti universitarji.

Biex tgħaddi, kull deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv irid ikollha l-vot favur ta' tnejn minn tlieta (2/3) tal-membri. F'każ ta' parità, il-President għandu juża l-vot deċiżiv.

### 3.1.2. *Il-Kummissjoni Teknika*

- *X'inhi*

F'kull deċiżjoni ta' natura xjentifika, il-Kummissjoni Teknika hija l-organu suprem tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti. Il-Kummissjoni Teknika hija l-korp responsabbli mit-tifsil tal-politika lingwistika.

Il-Kummissjoni Teknika għandha poteri konsultattivi imma mhux eżekuttivi, għalhekk id-deċiżjonijiet tekniċi tagħha jitqiegħdu quddiem il-Kumitat Eżekuttiv għall-implimentazzjoni tagħhom.

- *Kif inhi komposta*

Il-Kummissjoni Teknika hija magħmula minn:

| | |
|---|---|
| | *Chairman* (li jkun il-Kap Eżekuttiv) |
| | Segretarju (l-Uffiċjal Amministrattiv tas-Segretarjat), bla vot |
| | Il-Kapijiet tal-Kumitati Tekniċi kollha li jkunu mwaqqfa<br>(NB. Fil-preżent il-Bord qed jissuġġerixxi 6 Kumitati.) |

Il-membri kollha tal-Kummissjoni Teknika għandhom ikunu persuni li jkunu ddistingwew ruħhom fl-istudju ta' l-ilsien Malti, tal-letteratura Maltija jew ta' xi aspett ieħor marbut magħhom, permezz ta' kwalifiki akkademiċi għoljin, riċerka u pubblikazzjonijiet. Dan ma hux mitlub fil-każ ta' l-Uffiċjal Amministrattiv.

Il-Kapijiet tad-diversi Kumitati Tekniċi, safejn ikun possibbli, għandhom ikunu speċjalizzaw fil-qasam tal-Kumitat li jkunu jmexxu. Dawn jinħatru mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni minn fost in-nies li għandhom dawn il-kwalifiki u li jkunu ġew irrakkomandati mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università u mill-Akkademja tal-Malti.

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Teknika jeħtieġu l-vot favur ta' 2/3 tal-membri. Is-Segretarju ma jkollux vot. F'każ ta' parità, il-President għandu juża l-vot deċiżiv.

- *Kif tintrabat mal-frieghi l-oħra*

Bħala l-organu espert fil-kwistjonijiet lingwistiċi, il-Kummissjoni Teknika qiegħda fil-qalba tal-Kunsill Nazzjonali u għandha kuntatt mill-qrib prattikament mal-friegħi l-oħrajn kollha tiegħu.

Mingħand ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja, il-Kummissjoni Teknika tirċievi d-diffikultajiet u r-reazzjonijiet li jkunu l-materja prima għad-diskussjoni.

Lill-Kumitat Eżekuttiv il-Kummissjoni Teknika trid tgħaddilu d-deċiżjonijiet esperti tagħha li jifformaw il-politika lingwistika, biex dan imbagħad jiddelibera fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Iżda fix-xogħol u d-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni Teknika hija indipendenti u awtonoma għalkollox, u m'għandha ssir l-ebda tip ta' pressjoni jew influwenza fuqha.

Hija marbuta wkoll mill-qrib mas-Segretarjat u ma' l-Uffiċċju tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, li huma responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum ta' l-istruttura kollha u l-kuntatti immedjati tal-Kunsill Nazzjonali mal-pubbliku.

- *X'inhu xogħolha*

B'mod ġenerali, il-ħidma ewlenija tal-Kummissjoni Teknika tartikola ruħha fi tliet stadji, jiġifieri li:

a) tosserva, tanalizza u tiżen il-qagħda ta' l-ilsien Malti fid-dawl tas-sitwazzjoni lingwistika ta' Malta; dan għandu jkun proċess kontinwu, għalkemm l-ikbar xogħol għandu jkun fil-bidu, ladarba s-sitwazzjoni reali għadha mhix magħrufa;
b) tfassal u tiżviluppa politika lingwistika għall-ilsien Malti, kemm fil-linji ġenerali kif ukoll f'oqsma speċifiċi, li tista' tkun tinkludi mezzi legali skond il-bżonn, u tgħaddiha lill-Kumitat Eżekuttiv għall-implimentazzjoni;
c) minn żmien għal żmien tiżen l-andament tal-politika billi tqabbel il-miri mfassla mar-riżultati miksuba, u tagħmel it-tibdil meħtieġ fil-politika oriġinali.

Il-Kummissjoni Teknika għandha tfassal *Pjan ta' Żvilupp* li jkun jinfirex fuq tlieta jew erba' snin, u li jkun fih serje ta' miri u skadenzi li jridu jiġu osservati, u li jservu ta' verifika għax-xogħol li għandu jsir minn żmien għal żmien.

Il-Bord hu tal-fehma li għall-bidu dan il-Pjan ta' Żvilupp għandu jinkludi:

a) fażi ta' **inventarju**, li fiha ssir analiżi tas-sitwazzjoni (li fis-sewwa għandu jkun proċess li jkompli), li għandha tiġġenera:
b) fażi ta' **diskussjoni** dwar is-sejbiet ta' l-inventarju, li minnha tibda tiċċara ruħha l-politika lingwistika, u li għalhekk twassal għal:
c) fażi ta' **deċiżjoni**, li tiffissa l-politika lingwistika permezz ta' sett ta' linji ta' mġiba li mbagħad jgħaddu għand il-Kunsill Nazzjonali u li għandhom idawlu lill-Kumitati Tekniċi fl-għażliet tagħhom.

Il-Kummissjoni Teknika għandha toħloq u żżomm kuntatti regolari u frekwenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fl-istess direzzjoni u ma' għaqdiet nazzjonali li qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet simili

jew paralleli f'pajjiżi oħra, u magħhom tistabbilixxi bdil ta' ideat, esperjenzi u riżorsi.

Għandha wkoll tiżgura li tkun qed isseħħ maturazzjoni fl-istudju dwar il-pjanifikazzjoni lingwistika, mhux biss b'korsijiet addattati fl-edukazzjoni għolja, imma wkoll permezz ta' boroż ta' studju barra lil żgħażagħ promettenti, żjarat ta' pjanifikaturi barranin u l-ħolqien ta' librerija speċjalizzata dwar is-suġġett.

Il-Kummissjoni Teknika għandha tiltaqa' regolarment u sikwit, għax ħafna mix-xogħol effettiv tal-Kunsill Nazzjonali irid jibda minnha. Dan jgħodd aktar u aktar għall-ewwel perijodu minħabba li għad baqa' ħafna xi jsir sempliċiment biex insiru nafu x'inhi s-sitwazzjoni lingwistika reali ta' Malta.

Fi kwistjonijiet lingwistiċi ta' natura ġenerali, il-Kummissjoni Teknika tiddiskuti u tiddeċiedi bħala korp wieħed sħiħ. Imma fid-diskussjoni ta' kwistjonijiet ta' natura lingwistika speċjalizzata, il-Kummissjoni Teknika taħdem permezz ta' Kumitati Tekniċi.

### 3.1.3. *Il-Kumitati Tekniċi*

Il-Bord huwa tal-fehma li bħalissa hemm bżonn sitt Kumitati Tekniċi għal daqstant oqsma speċjalizzati ta' importanza speċjali:

a) Kumitat għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni;
b) Kumitat għall-Istampa u x-Xandir;
c) Kumitat għat-Tagħlim tal-Malti;
d) Kumitat għar-Riċerka Lingwistika;
e) Kumitat għal-Letteratura;
f) Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku.

Madankollu, il-Kummissjoni Teknika tista' tissuġġerixxi lill-Kunsill Nazzjonali tnaqqis minn dawn il-Kumitati jew żieda magħhom skond il-ħtieġa. F'dan il-każ, in-numru tal-membri tal-Kummissjoni Teknika jonqos jew jiżdied akkont.

- *X'inhuma*

Il-Kumitati Tekniċi huma gruppi ta' ħidma speċjalizzata fejn tiġi diskussa l-politika lingwistika li għandha tiġi adottata f'qasam partikolari.

- *Kif inhuma komposti*

Tipikament, kull Kumitat ikun magħmul minn erba' persuni:

| | |
|---|---|
| | Il-Kap (lingwista speċjalizzat fil-qasam partikolari) |
| | Membru (lingwista) |
| | 2 Membri (2 mir-rappreżentanti ta' l-Oqsma tal-Ħajja, skond il-bżonn) |

Iżda ma' l-erba' membri statutorji jistgħu jiżdiedu membri oħra ko-optjati mill-Kumitat skond il-ħtieġa. B'hekk, f'kull kwistjoni li jiddiskuti, il-Kumitat ikun jista' jiddawwal bil-fehmiet u l-esperjenza ta' l-aktar nies kompetenti.

L-erba' membri statutorji <u>biss</u> għandhom dritt għall-vot.

Kif diġà ntqal, il-Kap ta' kull Kumitat Tekniku jinħatar mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni minn fost persuni kkwalifikati rrakkomandati mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università u mill-Akkademja tal-Malti. Il-Kap imbagħad jagħżel membri oħra kompetenti (lingwista u żewġ prattikanti), u jgħaddi isimhom lill-Kummissjoni Teknika biex tikkonfermahom. Il-ħatra tal-membri kollha tal-Kumitati Tekniċi tkun għal perijodu ta' sentejn, imma din tkun tista' tiġġedded.

Deċiżjoni ta' Kumitat teħtieġ il-kunsens ta' mill-anqas 3/4 tal-membri.

Kull deċiżjoni ta' Kumitat trid titwassal fi ħdan il-Kummissjoni Teknika, li mbagħad tiddelibera dwarha fid-dawl tas-sejbiet u tal-parir tal-Kumitat ikkonċernat.

- *Kif jintrabtu mal-friegħi l-oħra*

Bħala l-friegħi speċjalizzati tal-Kummissjoni Teknika, il-Kumitati Tekniċi jaqgħu direttament taħtha u xogħolhom mhux ħlief il-kontinwazzjoni tax-xogħol tagħha. Id-deċiżjonijiet li jieħdu huma jitpoġġew quddiem il-Kummissjoni Teknika bħala parir espert, u l-Kummissjoni Teknika

tiddelibera u tiddeċiedi dwarhom. Min-naħa l-oħra, il-Kumitati jżommu għall-Kummissjoni Teknika l-kuntatt dirett ma' l-Oqsma tal-Ħajja, għax mingħandhom jirċievu d-diffikultajiet u r-rispons li huma essenzjali ħafna għall-andament tax-xogħol tagħhom.

- *X'inhu xogħolhom*

Il-Kumitat Tekniku huwa kumitat ta' pjanifikazzjoni, u għalhekk xogħlu huwa li josserva l-qagħda ta' l-ilsien Malti, jiddiskuti l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tiegħu u b'hekk jispelli l-politika lingwistika tal-Kummissjoni Teknika fil-qasam partikolari tiegħu. F'dan is-sens, xogħlu huwa mera tax-xogħol tal-Kummissjoni Teknika imma f'qasam partikolari. Irid ukoll jagħti l-fehma tiegħu lill-Kummissjoni Teknika dwar kwistjonijiet marbuta mal-qasam partikolari, u jiddiskuti l-problemi u d-diffikultajiet li jaslu għandu mill-Qasam tal-Ħajja biex jagħti tweġiba fil-ħin. Għalhekk, sehmu normalment mhuwiex li jinvolvi ruħu fix-xogħol prattiku li l-iżvilupp tal-politika lingwistika jista' jitlob.

Madanakollu, jista' jkun hemm każi meta s-sitwazzjoni titlob hekk. F'każi bħal dawn, il-Kumitat għandu jżomm ir-rwol deskritt tiegħu, u jgħaddi dan ix-xogħol lil sottokumitati maħluqa minnu.[5]

Il-Kummissjoni Teknika tista' tgħaddi lill-Kumitati Tekniċi punti li tkun tixtieq opinjoni dwarhom, u l-Kumitati Tekniċi jridu jaslu biex jagħtuha din l-opinjoni fil-ħin. Imma l-Kumitati Tekniċi jistgħu huma stess, bil-kunsens tal-Kummis-sjoni Teknika, jieħdu l-inizjattiva biex jiddiskutu kwistjonijiet li, fil-fehma esperta tagħhom, ikunu jeħtieġu diskussjoni.

Dan li ġej huwa biss indikazzjoni ta' xi funzjonijiet li jistgħu jaqdu l-Kumitati Tekniċi. M'għandniex xi ngħidu, meta l-Kummissjoni Teknika tkun tiffunzjona, tkun tista' tistabbilixxi b'mod iktar preċiż il-funzjonijiet u l-piż tal-Kumitati, li jista' jkun iżgħar jew ikbar minn dak li huwa deskritt hawnhekk.

---

[5] Hawn għandna f'moħħna l-eżempju tal-Kumitat tat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni, fejn jidher li l-għażla tat-terminoloġija addattata għad-diversi oqsma tal-ħajja trid tinħadem bilfors f'sottokumitati, kemm minħabba l-volum kbir tax-xogħol li tinvolvi kif ukoll minħabba l-fatt li l-għażla tat-terminoloġija hija marbuta mill-qrib mat-tip ta' politika lingwistika magħżula u għalhekk jaqbel li tibqa' qrib l-għajn ta' din il-politika.

### 3.1.3.1. *Il-Kumitat għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni*

Xogħol il-Kumitat għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni huwa li:

a) jiġbor u jippreżenta t-terminoloġija Maltija li tintuża fl-oqsma differenti tal-ħajja, billi jaħdem id f'id ma' l-esperti f'kull qasam;

b) jiżviluppa t-terminoloġija meħtieġa għal ideat u sejbiet ġodda permezz tal-metodi possibbli skond ix-xejra tal-lingwa u l-gosti tal-kelliema;

c) jippubblika l-korp ta' terminoloġija miġbura u żviluppata f'sensiliet ta' glossarji tekniċi speċjalizzati marbuta ma' kull qasam, u jxerridhom fost l-individwi/għaqdiet involuti f'dak il-qasam;

d) joħloq u jtella' *Il-Bank tal-Kelma Maltija* fuq l-Internet, li permezz tiegħu kulħadd ikun jista' jfittex it-terminoloġija li jixtieq malli jeħtieġha;

e) jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet li fihom il-ħaddiema ta' oqsma partikulari (l-aktar ix-xandara) jiġu megħjuna jegħlbu diffikultajiet komuni li jiltaqgħu magħhom fix-xogħol u jitweġbulhom il-mistoqsijiet tagħhom;

f) jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet professjonali fis-sengħa tat-traduzzjoni, u li dawk li jtemmuhom b'suċċess jieħdu ċertifikat ta' ħila.

### 3.1.3.2. *Il-Kumitat għall-Istampa u x-Xandir*

Xogħol il-Kumitat għall-Istampa u x-Xandir huwa li, id f'id ma' l-Awtorità tax-Xandir u l-*Press Club*, jiżgura li jintlaħaq standard għoli fl-użu tal-lingwa Maltija mitkellma u miktuba fil-mezzi ta' komunikazzjoni, u li jgħin lill-ħaddiema involuti biex dan l-istandard jinkiseb u jinżamm b'mod effettiv u fl-iqsar żmien. Dawn il-miri prinċipali l-Kumitat jista' jilħaqhom billi:

a) iħabrek biex il-prestiġju tal-lingwa nazzjonali jinżamm sħiħ, anzi jissaħħaħ fil-mezzi tax-xandir, b'ħinijiet adegwati ta' xandir bil-Malti, bl-użu sħiħ tal-Malti (mingħajr l-indħil żejjed ta' interventi b'lingwi oħra) fil-programmi u fl-aħbarijiet bil-Malti, u bl-użu xieraq tal-lingwa Maltija bil-kelma u bil-kitba mill-ġurnalisti u x-xandara;

b) id f'id mal-Kumitat għat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni jaħdem biex tinstab u tiġi stabbilita t-terminoloġija meħtieġa f'dan il-qasam, u dan b'sistema effettiva u rapida, kif jitlob ir-ritmu tax-xogħol;

c) jikkompila u jistampa din it-terminoloġija tax-Xandir, l-ewwel f'fuljetti li jitqassmu immedjatament lid-djar tax-xandir bħala gwida prattika u standard ta' l-użu, u mbagħad fi ktejjeb ta' referenza għal kull sena, b'mod li gradwalment u b'mod maħsub jinbena l-vokabolarju ta' dan il-qasam tant importanti fl-iżvilupp tal-lingwa;

d) jaħdem biex tintlaħaq standardizzazzjoni f'bosta forom komuni fix-xandir li sa issa qed joħolqu konfużjoni, bħalma huma: il-forom ta' l-ismijiet barranin, il-forom tal-lokalitajiet Maltin, it-tbassir tat-temp u r-rapporti finanzjarji;

e) jiżgura li l-għajnuniet lingwistiċi hekk maħduma jitpoġġew on-line fis-sit tal-Kunsill Nazzjonali, biex kull xandar ikun jista' jfittex it-terminu li jeħtieġ u jsib it-tweġiba mill-ewwel;

f) jiżviluppa serje ta' manwali ta' stil li jistabbilixxu mudelli tajba li jservu ta' gwida għall-ġurnalisti u x-xandara fl-oqsma differenti, eż. fl-oqsma ta' l-aħbarijiet, fl-isport u fir-reklamar;

g) jaħdem biex jikkonvinċi lill-awtoritajiet kompetenti li l-ħila fl-espressjoni lingwistika — bil-kelma u bil-kitba — hija waħda mill-kwalitajiet essenzjali, anzi fost l-aktar importanti, li għandu jkollu ġurnalist, u li għalhekk kull kors tal-ġurnaliżmu għandu jkollu komponent lingwistiku Malti importanti;

h) jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet professjonali fis-sengħa tal-ġurnaliżmu bil-Malti, u li dawk li jtemmuhom b'suċċess jieħdu Diploma ta' ħila;

i) jorganizza, jew jara li jkunu organizzati, korsijiet professjonali fis-sengħa tal-pronunzja u d-dizzjoni bil-Malti għax-xandara bil-kelma, u li dawk li jtemmuhom b'suċċess jieħdu Diploma ta' ħila;

j) iħabrek biex tiġi stabbilita liċenzja għall-ġurnalisti u biex fil-għażla tal-ġurnalisti għax-xogħol jitqiesu favorevolment il-persuni li jkollhom id-Diplomi msemmija hawn fuq;

k) perjodikament jimmonitorja l-medja kollha u jippubblika rapport mirfud minn statistika addattata li jqabbel l-imġiba tal-mezzi, tal-ġurnali u ta' l-istazzjoni-jiet differenti fl-użu tal-lingwa;

l) jara li l-lingwa u l-letteratura Maltija jkunu preżenti kif u kemm jixraq fost il-programmi tax-xandir flimkien ma' l-aspetti l-oħra tal-kultura Maltija;

m) jistabbilixxi standards minimi ta' korrettezza fl-użu tal-lingwa Maltija, inkluża l-ortografija, u jinfurzahom billi l-ewwel jiġbed l-attenzjoni ta' min ma jkunx qed josservahom, imbagħad jekk dan ma jkunx biżżejjed, iġib dan in-nuqqas għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet.

### 3.1.3.3. *Il-Kumitat għat-Tagħlim tal-Malti*

Xogħol il-Kumitat għat-Tagħlim tal-Malti huwa li:

a) waqt li jaħdem id f'id ma' l-Uffiċjal Edukattiv tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u mal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, jiżgura li l-ilsien Malti jiġi ppreżentat lill-istudent b'mod effettiv, aġġornat u attraenti;

b) janalizza s-sillabu tal-Malti fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni, u jqabblu ma' dak li jkun qed isir f'suġġetti oħra fl-istess żmien, kif ukoll ma' dak li qed isir f'pajjiżi oħra fit-tagħlim tal-lingwa nattiva, u jagħmel is-suġġerimenti tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti;

c) josserva l-eżamijiet nazzjonali kollha tal-Malti;

d) jagħti l-appoġġ tiegħu bil-modi li jista' lill-pubblikazzjonijiet tal-Malti għall-istudenti;

e) jiżgura li l-għodod pedagoġiċi tal-Malti jkunu teknikament aġġornati mal-metodi tat-tagħlim kurrenti (anke bil-produzzjoni ta' mezzi awdjoviżivi, programmi bil-kompjuter, eċċ.);

f) jiżgura li t-tagħlim tal-Malti barra mill-iskola (eż. lis-sħab barranin ta' nies Maltin li jgħixu hawnhekk, lil ulied l-emigranti li reġgħu fostna, lil analfabeti interessati) jkun qed isir regolarment u bi profitt;

g) iżomm kuntatt regolari ma' l-iskejjel li jgħallmu l-Malti barra minn xtutna, jifhem is-sitwazzjonijiet u d-diffikultajiet partikolari tagħhom u jagħtihom l-appoġġ kollu li jista'.

### 3.1.3.4. *Il-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika*

Xogħol il-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika huwa li jaħdem id f'id mal-korpi diġà stabbiliti li qed jaħdmu b'riżq il-Malti (ngħidu aħna, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università, l-Akkademja tal-Malti, l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università) u ma' individwi studjużi biex jiżgura li r-riċerka xjentifika fuq il-Malti tkun qed issir u tkun qed tforni lill-pubbliku Malti u lill-istudjuż bl-għodod meħtieġa u aġġornati. Iktar fid-dettall, dan ifisser li:

a) jiżgura li l-għodod lingwistiċi bażiċi (bħalma huma d-dizzjunarji, il-glossarji tekniċi, it-teżawru, il-grammatika ta' referenza, il-grammatika komunikattiva u l-istorja tal-lingwa) jeżistu u jiġu aġġornati;
b) jiżgura li d-dibattitu xjentifiku dwar il-qagħda tal-lingwa u l-ħtiġijiet tagħha għall-futur jibqa' dejjem għaddej fi proċess kontinwu;
c) iħabrek biex it-tagħrif lingwistiku tajjeb dwar l-ilsien Malti jkun preżenti fis-sillabi ta' l-iskejjel mill-bidu tal-mixja skolastika tat-tfal sal-Matrikola Avvanzata, u li jkun ippreżentat b'mod korrett, aġġornat u attraenti;
d) jorganizza Konferenza Nazzjonali ta' Studji tal-Malti kull tant żmien — ngħidu aħna, kull sentejn — li ġġib flimkien l-istudjużi tal-Malti lokali u barranin, u jippubblika l-Atti tagħha;
e) jippubblika Rivista ta' Studji Lingwistiċi Maltin ta' livell akkademiku għoli, bil-kitbiet ta' studjużi Maltin u barranin, u jaħdem biex permezz ta' sistema ta' skambju tinfirex f'biblijoteki u fost studjużi barranin. Għal din ir-raġuni, din ir-rivista għandha tkun bl-Ingliż.

Fil-qasam ta' l-ortografija, xogħol il-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika jkun li:

f) jagħmel studju mill-għeruq tas-sistema ortografika preżenti, bil-ħsieb li jifhem fil-fond il-prinċipji u d-dinamika tagħha, jidentifika l-

inkongruwenzi li jista' jkun fiha u jissuġġerixxi rimedji prattiċi biex is-sistema tal-kitba titħaffef kemm jista' jkun;

g) jiżgura li s-sistema ortografika tkun aġġornata b'tali mod li tkun twieġeb għad-diffikultajiet li jistgħu jiġu mill-integrazzjoni ta' kliem ta' nisel barrani;

h) jiżgura li r-regoli tal-kitba Maltija jkunu aċċessibbli għal kulħadd f'għamla komda, prattika u li tinftiehem;

i) flimkien mal-Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku, jaħdem biex l-alfabett Malti, bl-ittri speċjali tiegħu (*ċ, ġ, ħ, ż, għ, ie*) ikun rikonoxxut minn organizzazzjonijiet internazzjonali (bħal Microsoft u Macintosh) u li dawn l-ittri jingħatalhom post fil-mappa internazzjonali tal-karattri;

j) flimkien mal-Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku, jaħdem biex il-Malti wkoll ikollu dizzjunarju elettroniku u *spell-checker*, u biex dawn it-tnejn ikunu aċċessibbli fuq l-Internet għall-kumdita' ta' min ikun irid jikkonsultahom;

k) iżomm dejjem ħaj id-dibattitu għal ortografija aħjar billi joffri lill-istudjużi interessati opportunita' għad-diskussjoni xjentifika fuq is-suġġett;

l) jissorvelja regolarment l-użu tal-Malti miktub fil-medja stampata u fuq it-televixin u l-ewwel jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun jonqos bi mġiba irresponsabbli, u mbagħad — jekk b'dan il-mod ma jasalx — ixandar ċensura pubblika fuq ix-xogħol ikkonċernat.

### 3.1.3.5. *Il-Kumitat għal-Letteratura*

Xogħol il-Kumitat għal-Letteratura huwa li:

a) jaħdem biex il-letteratura Maltija tkun rikonoxxuta bħala għamla ewlenija ta' l-espressjoni artistika u xhieda ta' l-identita' tal-poplu tagħna;

b) jikkoordina l-ħidma ta' l-għaqdiet letterarji u jistimula proġetti li fihom jaħdmu flimkien;

c) jiżgura li l-letteratura Maltija jkollha għadd xieraq ta' żbokki f'kull mezz ta' komunikazzjoni biex tilħaq lill-poplu kollu;

d) iħabrek biex il-ktieb Malti jkun preżenti fi kwantita' suffiċjenti kulfejn jixraq, ngħidu aħna fil-libreriji pubbliċi u lokali ta' Malta u Għawdex, fil-libreriji ta' l-iskejjel u fil-premjazzjonijiet ta' l-iskejjel;

e) iżomm ħaj id-dibattitu dwar il-letteratura Maltija, ir-relevanza u l-post tagħha, permezz ta' seminars u taħditiet, li fihom jinvolvi mhux biss l-awturi imma wkoll lil kull min hu involut fl-industrija tal-ktieb, bħalma huma d-disinjaturi, il-pubblikaturi, id-distributuri u sidien il-ħwienet tal-kotba;

f) jiżgura li kull faxxa ta' l-età u kull qatgħa soċjali tkun moqdija b'letteratura li tappella għaliha b'mod partikolari, u fejn jeżistu nuqqasijiet iħajjar u jistimula l-awturi u l-intraprendituri biex jimlew il-vojt, jew f'każi ta' ħtieġa kbira jikkommissjona xogħol apposta;

g) megħjun mill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, jagħmel ħiltu biex jikkoreġi l-idea mifruxa li l-letteratura Maltija hija marbuta biss mal-kuntest folkloristiku, rurali u ġeneralment antikwat, billi joħroġ għad-dawl u jippromwovi wkoll xogħlijiet li huma relevanti u attwali, u jara li jitwasslu lill-pubbliku bl-iktar mezzi aġġornati (eż. fi programmi multimedjali u vidjows);

h) jaħdem biex joħroġ lill-awtur Malti mill-iżolament li jista' jaqa' fih, l-aktar permezz ta' żjarat ta' letterati barranin u billi jistimula u jżomm kuntatti ħajjin ma' għaqdiet letterarji barra minn xtutna, jekk jista' jkun fil-kuntest ta' skambju;

i) iħabrek biex l-awtur Malti jkollu mingħand l-Istat l-għajnuna finanzjarja u l-inċentivi li jgħinuh ikompli x-xogħol siewi tiegħu mqar f'ambjent ta' kompetizzjoni diffiċli;

j) iħabrek biex l-Istat ikompli jappoġġja l-letteratura Maltija bid-dieher u fil-prattika permezz ta' premjijiet letterarji u rikonoxximenti oħra;

k) flimkien ma' l-għaqdiet għan-nies b'diżabilita', jara li l-ktieb Malti jkun aċċessibbli wkoll f'għamliet komdi (Braille, fuq tejps/CD's irrekordjati, eċċ.) għal min naqsu d-dawl;

l) jikkura mhux biss il-qasam strettament letterarju, imma wkoll dawk l-oqsma artistiċi l-oħra ta' xeħta popolari li huma marbutin miegħu għax fil-komunikazzjoni bħalu jinqdew bis-sengħa tal-kelma, bħalma huma l-

oqsma tal-kanzunetta, l-għana, it-teledrammi u s-soap operas bil-Malti, kif ukoll il-qlib jew l-iddabbjar ta' dokumentarji, programmi u films barranin għall-Malti.

### 3.1.3.6. *Il-Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku*

Xogħol il-Kumitat għall-Iżvilupp Informatiku tal-Malti huwa li:

a) jaħdem biex jintlaħqu standards komuni minn fost il-ħafna sistemi li qed jintu-żaw bħalissa, meta għandna sitwazzjoni li tfakkrek fil-bosta sistemi differenti ta' ortografija li kellna seklu ilu u d-diffikulta' ta' l-istandardizzazzjoni;

b) flimkien mal-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika, jaħdem biex l-alfabett Malti, bl-ittri speċjali tiegħu (*ċ, ġ, ħ, ż, għ, ie*) ikun rikonoxxut minn organizzaz-zjonijiet internazzjonali (bħal Microsoft, Macintosh, eċċ.) u li dawn l-ittri jingħatalhom post fil-mappa internazzjonali tal-karattri;

c) jagħmel l-għodod ewlenin tal-lingwa Maltija aċċessibbli għall-ikbar numru ta' nies f'kull ħin billi jadotta l-metodi informatiċi disponibbli;

d) flimkien mal-Kumitat għar-Riċerka Lingwistika, jaħdem biex il-Malti wkoll ikollu dizzjunarju elettroniku *on-line* u *spell-checker*, u biex dawn it-tnejn ikunu aċċessibbli fuq l-Internet għall-kumdita' ta' min ikun irid jikkonsul-tahom bil-kumdita' f'kull ħin;

e) jippromwovi u jinkuraġġixxi l-użu ta' sistemi ta' kompjuterizzazzjoni bil-Malti fin-negozju, fis-sistema bankarja, fl-edukazzjoni, fl-amministrazzjoni tal-gvern u fid-dar;

f) bil-għajnuna ta' l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, itella' fuq l-Internet sit elettroniku dwar l-ilsien Malti li, barra minn tagħrif (*FAQ*) dwar il-Malti u dwar il-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali, ikun jipprovdi *Linja ta' Servizz dwar l-Ilsien Malti*, biex kull min ikollu xi diffikulta' jew mistoqsija jkollu tweġiba fi żmien raġonevolment qasir u minn sors awtorevoli;

g) jipproduċi, jew jara li jkunu prodotti, korsijiet interattivi tal-Malti *on-line*, li permezz tagħhom jista' jilħaq bosta Maltin ta' barra jew barranin interessati;

h) jgħin fil-koordinament tax-xogħol ta' Kumitati oħra, fosthom dak tat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni, biex l-għodod tagħhom (bħall-*Bank tal-Kelma Maltija* msemmi qabel) ikunu aċċessibbli bl-aħjar mod.

### 3.1.4. *Is-Segretarjat*

L-Uffiċċju tas-Segretarjat qiegħed biex jgħin lill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti u lill-Kummissjoni Teknika tiegħu fil-ħtiġijiet amministrattivi u finanzjarji kollha tagħhom.

- *Kif inhu kompost*

Is-Segretarjat jiġbor fih żewġ friegħi: l-*Uffiċċju tas-Segretarjat* propju u l-*Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi* (ara iktar 'l isfel).

Is-Segretarjat jitmexxa minn Uffiċjal ta' grad Amministrattiv, megħjun mill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi u mis-servizz ta' żewġ skrivani.

- *X'inhu xogħol is-Segretarjat*

Fost id-dmirijiet ta' l-Uffiċjal Amministrattiv hemm li:

a) iħejji Pjan Strateġiku Finanzjarju ta' kull sena;

b) jipproċessa l-korrispondenza kollha li jirċievu l-Kunsill Nazzjonali u l-Kummissjoni Teknika;

c) iżomm bl-ordni d-dokumentazzjoni kollha tal-Kunsill Nazzjonali;

d) jieħu l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Kummissjoni Teknika;

e) jgħin lill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fix-xogħol ta' koordinazzjoni mal-bqija ta' l-istruttura.

### 3.1.5. *L-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*

- *X'inhu*

L-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi huwa l-organu li jgħin biex il-politika lingwistika deċiża mill-Kummissjoni Teknika u mgħoddija għall-implimentazzjoni fil-Kumitat Eżekuttiv titwassal lill-poplu permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni.

- *Kif inhu kompost*

L-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jkun fih persuna waħda *full-time*. Dan l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi għandu jkun persuna professjonali speċjalizzata fir-Relazzjonijiet Pubbliċi, imħarrġa fil-*marketing* u kunfidenti mal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-aktar dawk elettroniċi. L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi huwa responsabbli biss mit-tifsil ta' l-istrateġiji meħtieġa u mid-deċiżjonijiet li dawn ikunu jinvolvu, imma l-implimentazzjoni prattika ta' dawn l-istrateġiji tinħadem mill-istaff tas-Segretarjat jew tingħata lil kumpanija privata skond il-każ u l-mezzi. Madankollu l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jibqa' responsabbli li jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji, perjodika-ment jiżen is-suċċess tagħhom u jagħmel dawk it-tibdiliet li jidhrulu xierqa biex dawn l-istrateġiji jimxu aħjar.

- *Kif jintrabat mal-friegħi l-oħra*

L-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi huwa parti mis-Segretarjat tal-Kunsill Nazzjonali, u l-ewwel rabta tiegħu hija mal-Kumitat Eżekuttiv, li minnu toħroġ il-politika lingwistika li l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jrid jirreklama. L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi huwa wkoll membru (bla vot) tal-Kumitat Eżekuttiv sewwasew biex ikun qed isegwi mill-qrib u jifhem tajjeb il-politika lingwistika li trid tiġi implimentata. Għandu wkoll ikun f'kuntatt regolari mal-Kummissjoni Teknika, u l-aktar mal-Kumitati Tekniċi, li bir-rappreżentanti ta' l-oqsma jgħinuh jifhem aħjar is-sitwazzjoni partikolari u l-attitudnijiet tal-ħaddiema tal-qasam partikolari tagħhom.

- *X'inhu xogħlu*

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi għandu qabelxejn isegwi mill-qrib l-istħarriġ tal-Kummissjoni Teknika dwar is-sitwazzjoni lingwistika f'Malta. Min-naħa tiegħu, għandu jagħmel, jew jara li jsir, stħarriġ serju u mifrux dwar l-attitudnijiet differenti lejn l-ilsien Malti.

a) Għandu jifhem sewwa l-politika lingwistika magħżula mill-Kunsill Nazzjo-nali u l-implikazzjonijiet soċjolingwistiċi tagħha.

b) Imbagħad irid jaħdem strateġija ta' reklamar li tkun tikkonsisti minn kampanji pubbliċitarji u proġetti oħra bil-ħsieb li jgħollu l-prestiġju ta' l-ilsien Malti f'għajnejn il-kelliema, ifissru l-attitudni liberali tal-Kunsill

Nazzjonali fis-sitwazzjoni bilingwi ta' Malta u jfiehmu r-raġunijiet ta' kull deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali jekk jista' jkun qabel ma din tixxandar u tqajjem reazzjoni fost il-poplu.

c) L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi għandu joħloq u jżomm Paġna Virtwali fuq l-Internet li fiha, barra minn informazzjoni siewja fuq il-lingwa Maltija f'għamla aġġornata u attraenti, jingħata ċ-ċans ta' kuntatt dirett mill-kelliema u l-għaqdiet għall-Kunsill Nazzjonali permezz ta' metodi interattivi. Din il-paġna għandha tkun marbuta ma' dawk ta' xi friegħi oħra ta' l-istruttura, bħalma huwa l-*Bank tal-Kelma Maltija* msemmi hawn fuq.

### 3.1.6. *Ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja*

- *X'inhuma*

Ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja huma ċelloli żgħar li joperaw fl-oqsma differenti tal-ħajja fil-livell prattiku u jservu ta' ħolqa bejn il-ħaddiema fil-Qasam tal-Ħajja tagħhom u l-Kunsill Nazzjonali, u bil-maqlub.

- *Kif inhuma komposti*

Kull Rappreżentanza ta' Qasam tkun magħmula minn numru żgħir ta' nies, ngħidu aħna tnejn, li jirrappreżentaw qasam partikolari li jkunu jaħdmu fih. Dawn jistgħu jkunu magħżulin minn sħabhom fl-istess Qasam, inkella maħtura mill-amministrazzjoni tal-Qasam, skond il-każ partikolari.

Idealment, dawn għandhom ikunu *part-time*, għax dan ikun jassigura li ma jinqatgħux mill-prattika u mis-sitwazzjoni tax-xogħol, biex ikunu jistgħu jirrappreżentaw lil sħabhom il-ħaddiema b'mod kompetenti u tassew rappreżentattiv.

- *Kif jintrabtu mal-friegħi l-oħra*

Ir-Rappreżentanza ta' kull Qasam minn naħa qed tirrappreżenta qasam partikolari u l-ħaddiema involuti fih u trid twassal ix-xewqat, id-diffikultajiet u r-reazzjonijiet ta' dawk il-ħaddiema għand il-Kummissjoni Teknika (jew

il-Kumitat inkarigat minnha). Min-naħa l-oħra trid tieħu t-tweġibiet u s-suġġeri-menti mingħand il-Kummissjoni Teknika u tiddisseminahom fost il-ħaddiema.

- *X'inhu xogħolhom*

Xogħol ir-Rappreżentanzi ta' l-Oqsma tal-Ħajja huwa li:

a) ikunu attenti u sensittivi għall-ħtiġijiet u l-problemi fit-tħaddim tal-lingwa tal-ħaddiema fil-qasam partikolari tagħhom;
b) iwasslu fi ħdan il-Kummissjoni Teknika l-ħtiġijiet, il-problemi u l-ilmenti tal-qasam tagħhom;
c) bil-fehma tagħhom jgħinu lill-Kummissjoni Teknika tifforma stampa ċara tal-kundizzjonijiet u l-attitudnijiet tal-ħaddiema fil-qasam tax-xogħol;
d) kull meta jissejħu mill-Kummissjoni Teknika, ikunu lesti biex jagħtu sehemhom fid-diskussjoni fi ħdan il-Kummissjoni Teknika jew xi Kumitat tagħha;
e) jieħdu lura d-deċiżjonijiet u l-pariri tal-Kummissjoni Teknika fil-qasam tagħhom u jiddisseminawhom fost sħabhom;
f) isegwu l-implimentazzjoni tal-politika lingwistika u jkunu lesti biex jirrapportaw lill-Kummissjoni Teknika dwar il-progress tagħha;
g) b'mod ġenerali jkunu proattivi favur il-promozzjoni tal-politika lingwistika fost il-ħaddiema tal-qasam tagħhom.

### 3.1.7. *L-istaff*

Hawnhekk qed tingħata l-lista tal-ħaddiema bil-karigi tagħhom, li huma meħtieġa biex dan il-pjan jaħdem b'effiċjenza. Kif intqal fil-bidu, il-pjan jistrieħ fuq xogħol imħallas minn flus il-poplu, u b'hekk il-Kunsill Nazzjonali jkun irid jagħti kont lill-poplu ta' xogħlu.

Il-ħaddiema jistgħu jinqasmu fi tliet tipi:

a) ħaddiema full-time
b) ħaddiema li jkollhom kariga b'onorarju fiss fis-sena
c) ħaddiema part-time li jitħallsu skond kemm jaħdmu

Il-ħaddiema kif deskritti matul il-proposta huma dawn:

a) 5 karigi *full-time*:
   - Il-Kap Eżekuttiv
   - L-Uffiċjal Amministrattiv tas-Segretarjat
   - L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
   - 2 Skrivani jew Skrivani Eżekuttivi

b) 35 kariga b'onorarju annwali fiss (fuq skali differenti):
   - Il-President tal-Kunsill Nazzjonali
   - 6 Kapijiet tal-Kumitati Tekniċi
   - 6 Membri Esperti tal-Kumitati Tekniċi
   - madwar 22 Rappreżentant ta' l-Oqsma tal-Ħajja (li idealment ikollhom xi sigħat liberi allokati għal dan ix-xogħol)

c) 22 kariga li jitħallsu bil-ħin, skond kemm isiru laqgħat:
   - 10 Rappreżentanti ta' l-Għaqdiet (fil-Kunsill Nazzjonali)
   - 12-il Rappreżentant ta' l-Oqsma tal-Ħajja (fil-Kumitati Tekniċi)

## 3.2. *Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti*

Istituzzjoni permanenti serja titlob bini li, waqt li jiffunzjona bħala bażi għax-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali, iservi wkoll bħala simbolu materjali tal-lingwa u ta' l-istituzzjoni nnifisha. Dan qed ngħiduh għax il-lingwa hija fattur mill-identita' tagħna li, għax mitkellma, spiss ma titqiesx kemm jixirqilha. Għalhekk bini xieraq f'post ċentrali jgħin ukoll għax isaħħaħ il-prestiġju ta' l-ilsien nazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-kundizzjonijiet diġà qed jitgawdew minn kulturi u ilsna oħra barranin fil-Belt tagħna stess.

Il-Bord huwa tal-fehma li jeħtieġ li jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti. Idealment, dan għandu jkun fergħa minn ċentru ikbar li fih jinġabru l-oqsma kollha tal-kultura Maltija. Iżda aħna se nitkellmu biss fuq dak li jolqot il-qasam tagħna.

Iċ-Ċentru għandu jkollu dawn il-faċilitajiet li jgħinu lill-Kunsill Nazzjonali jaqdi dmiru sewwa biex iservi kemm ta' kwartieri tal-Kunsill Nazzjonali kif

ukoll ta' ċentru ffrekwentat mill-membri ta' l-għaqdiet tal-Malti u nies oħra interessati. Barra minn dan, ikun jista' jiġbed lejh ukoll għadd ta' nies, fosthom l-istudenti, permezz ta' wirjiet perjodiċi.

- 5 uffiċċji żgħar għall-impjegati *full-time* tal-Kunsill Nazzjonali
- Sala fejn jiltaqa' l-Kunsill Nazzjonali u għal laqgħat oħra
- 2 kmamar imdaqqsin għal-laqgħat ta' l-għaqdiet tal-Malti
- Sala għall-konferenzi u għal laqgħat plenarji
- Sala għall-wirjiet
- Sala għar-riżorsi biblijotekarji u awdjoviżivi

M'għandniex xi ngħidu, it-tmexxija taċ-Ċentru, li taqa' taħt il-Kunsill Nazzjonali, tkun teħtieġ l-istaff biex jgħasses il-post u jżommu nadif, kif ukoll persuna li tkun kompetenti biex tagħmel l-aħjar użu mill-post, iżżomm ir-riżorsi u torganizza l-wirjiet.

# 4. MILL-KLIEM GĦALL-FATTI

## 4.1. *Mill-idea għal-liġi*

Il-Bord għall-Ilsien Malti twaqqaf biex jippreżenta Rapport fuq il-Malti u mhux biex jifformula xi għamla ta' liġi, għalkemm mhux eskluż li jista' jissuġġeriha. Il-kompetenza lingwistika tal-membri magħżula f'dan il-Bord hija xhieda ċara ta' dan.

Il-Bord ħadem fuq l-istruttura proposta hawn fuq, li fil-fehma tiegħu tirrappreżenta s-soluzzjoni għall-promozzjoni ta' l-ilsien nazzjonali b'mod effettiv. Stinka mhux ftit, u uża bosta għaqal u paċenzja, biex ġab kunsens sħiħ mingħand kull min hu direttament involut fl-iżvilupp tal-lingwa Maltija.

Mil-lat formali, il-Bord ipprova kemm jista' jkun jallinja l-istruttura proposta ma' l-istrutturi preżenti ta' l-Istat u ma' dawk li qegħdin jitfasslu. Imqar fit-termini użati għall-friegħi differenti ta' din l-istruttura, ra li jkunu armonizzati ma' dawk li normalment jintużaw mill-Istat u mal-funzjonijiet tagħhom. Irriduċejna wkoll l-ammont ta' xogħol mitlub f'termini ta' impjiegi sħaħ jew *part-time*. Strettament u skond it-terminu ta' skadenza, ix-xogħol tal-Bord jieqaf hawn.

Jekk din il-proposta tintlaqa', kif nittamaw, ikun jonqos pass importanti ieħor xi jsir: li din l-idea tissarraf f'termini legali preċiżi. Dan huwa pass li jeħtieġ il-kompetenza ta' min hu mħarreġ fit-tifsil tal-liġijiet. Fl-istess ħin inħossu li f'din il-fażi tat-tifsil legali, li jista' jitlob għadd ta' aġġustamenti u interpre-tazzjonijiet ta' dak li nħaseb sa issa, tkun importanti l-preżenza ta' min jaf sewwa xi tfisser kull frażi tal-proposta għax kien preżenti fit-tiswir tagħha u fid-diskussjoni dwarha. Waqt li nifhmu l-ħtieġa li l-allinjament legali jagħti qafas iktar solidu lill-istruttura maħsuba, inħossu li jkun dnub jekk ħafna bilanċi, li nkisbu bi tbatija kbira u li qed jiggarantixxu l-kunsens tant mixtieq, jiġu ddisturbati minn interventi goffi u vjolenti sempliċiment għax min ifassal il-liġi ma jkollux ħjiel tas-sitwazzjoni tal-Malti. Għalhekk, il-membri tal-Bord jixtiequ juru li, minkejja l-ħafna impenji tagħhom, huma jkunu disponibbli jekk jinħass il-bżonn li jissejħu biex ikunu preżenti u jgħinu f'din il-fażi delikata. Aħna kunfidenti li, kif

għelibna dawk li għall-ewwel kienu jidhru diffikultajiet li ma jingħelbux, bl-għajnuna ta' espert fit-tifsil legali issa jirnexxilna naraw din li armajn saret il-ħolma tagħna titwettaq għall-ġid tal-Malti.

## 4.2. *Minn issa 'l quddiem*

Il-Bord jixtieq jenfasizza kemm huwa importanti li din l-inizjattiva li ħarġet mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ma tiqafx hawn imma titkompla, u immedjatament. ħdimna ħafna biex niżguraw li l-proposti tagħna jkunu jirriflettu x-xewqat ta' kull min hu interessat fil-qagħda ta' lsienna, u għal dan il-għan ikkonsultajna diversi persuni esperti, il-kurrenti politiċi differenti u fuq kollox l-għaqdiet kollha tal-Malti, li tawna l-appoġġ sħiħ tagħhom u issa qed jistennew bil-ħerqa li ssir xi ħaġa konkreta. Għandna warajna lill-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda tal-Malti (Università), l-Għaqda Letterarja Maltija, l-Għaqda Poeti Maltin u l-Għaqda ta' l-Għalliema tal-Malti. Dawn kollha ħarġu ta' rġiel, ħallew warajhom xi interessi żgħar li għall-ewwel setgħu żammewhom bierda u issa ħerqanin biex jissieħbu u jibdew jaħdmu.

Żammejna d-daqs u l-ispiża involuta kemm jista' jkun imrażżna, għax nafu li r-riżorsi ta' pajjiżna huma limitati. Iżda ridna nkunu serji, u ma nidħkux bina nfusna billi nimmaġinaw li x-xogħol kbir li jrid isir u li fassalna se jsir waħdu jew bi spiża tad-daħk. Dan il-proġett jiswa l-flus u l-enerġija, imma aħna — bħal min talabhulna — nemmnu fis-siwi u l-ħtieġa tiegħu. Biex ma nibqgħux ingergru qalbna maqtugħa dwar is-sitwazzjoni tal-Malti, qisha kienet xi destin. Aħna qalbna qawwija li dak li sar f'pajjiżi oħra jista' jsir ukoll f'pajjiżna b'riżq l-ilsien nazzjonali.

Il-mument huwa propizju. Jekk tintilef din l-okkażjoni, ma nafux terġax tiġina oħra.

## 4.3. *Sejħa*

F'għeluq dan ir-Rapport, il-Bord jixtieq jagħmel sejħa lill-poplu Malti biex jagħraf li l-ilsien Malti huwa fost l-aqwa komponenti ta' l-identita' nazzjonali u jagħmel ħiltu kollha biex iżommu, isebbħu u jagħnih, u fuq

kollox jistqarru u jiddefendih b'konvinzjoni quddiem kulħadd. Għax poplu li jirrispetta lilu nnifsu jgħożż dak li hu tiegħu, jorqmu u jkun kburi bih.

Appell speċjali jmur għall-ġenituri li tant jgħożżu lil uliedhom u dejjem ifittxu li ma jkun jonqoshom xejn biex jikbru ċittadini sħaħ u ta' ħila. Qisu li fl-edukazzjoni tagħhom — dejjem iktar miftuħa u mdawla — trawmuhom bħala tfal u żgħażagħ Maltin u tkellmuhom bl-ilsien Malti li bi dritt huwa tagħhom. Rabbuhom kburin bl-identita' tagħhom, għax b'hekk biss jistgħu jifhmu posthom bħala ċittadini ta' pajjiż sovran f'dinja magħquda. Għax min iċaħħad 'l uliedu mill-kultura u l-ilsien ta' art twelidu jkun qed jisirqilhom ġidhom u jtellagħhom barranin f'arthom stess.

Lill-movimenti politiċi nifirħulhom li jekk huma bosta l-linji ta' politika li ma jaqblux dwarhom — għax dak hu l-qofol u l-ġid tad-demokrazija — ilkoll huma fehma waħda dwar il-ħtieġa ta' l-ilsien Malti u l-prestiġju li jistħoqqlu bħala lsien ta' l-identita'. Aħna nixtiequ li, kif jagħmlu fl-oqsma l-oħra tal-ħajja, jidħlu f'pika bejniethom min se jagħmel l-akbar ġid għal ilsien art twelidna. Agħmlu li l-ilsien Malti — ilsien b'appell demokratiku qawwi — ikun fuq quddiem fil-lista tal-prijoritajiet tagħkom, ukoll jekk hemm ħtiġijiet materjali li kultant jinħassu iktar urġenti. Għax is-saħħa tal-poplu tagħna qiegħda, kif dejjem kienet, fil-fidi tiegħu fih innifsu bħala poplu magħqud u b'identita' tiegħu. Fuq kollox, tħallux li l-ilsien nazzjonali jerġa' jsir — kif ġieli kien fl-imgħoddi — punt ta' pika u firda fost il-poplu tagħna li jixraqlu aħjar.

L-aħħar kelma tmur lill-Gvern Malti, għax ħadd daqsu ma għandu l-għodda u r-responsabbilta' li jirfed il-qagħda ta' lsienna. Intom issa wrejtu għal darba tnejn ix-xewqa li ssir xi ħaġa tassew konkreta b'riżq il-Malti. Lilna dan mhux biss iferraħna, imma jimlielna qalbna bil-kuraġġ, għax jurina li bħalna tafu u tħossu biżżejjed il-ħtieġa u l-urġenza ta' dawn il-passi konkreti u kemm il-poplu qed jistenna minnkom f'dan il-qasam. Tħallux li din il-konvinzjoni tisfa fix-xejn. Nafu li dan ir-Rapport mhux ħlief ħaġa żgħira minn dak li għandu jsir, imma agħmlu li jkun imqar il-bidu ta' ħaġa li titkompla. Ikun xi jkun il-qasam, min jippjanalu bis-serjetà jibnilu struttura permanenti, għax ftit ġid jista' joħroġ minn sforzi mqanżħa u sporadiċi. Intom tafu li kull min qed ifassal sewwa f'pajjiżi oħra — imqar

għal ilsna minoritarji fil-pajjiżi ta' l-Ewropa — qed ifassal għat-tul u fis-sod, u qed jaħsad fi żmienu l-frott ta' l-għaqal.

U ħaġa oħra. Ladarba huwa konvint mill-ħtieġa u l-importanza ta' xogħlu, mhux qed ikun idu magħluqa, imma qed jonfoq kulma jinħtieġ biex jasal għal dak li jemmen fih. Qed jagħti lokalitajiet, salarji għal bosta impjiegi sħaħ jew bis-siegħa, joffri boroż ta' studju fl-ilsien u t-tifsil tiegħu, jagħti premjijiet għal konkorsi letterarji, sussidji lill-awturi, u bosta ħwejjeġ oħra skond il-bżonn. Aħna nistennew li l-Gvern Malti, konvint minn din il-ħtieġa, jagħmel l-istess, u jkun lest għan-nefqa u s-sagrifiċċju li din il-konvinzjoni ġġib magħha. Dan huwa ċ-ċans li nagħtu xhieda bil-fatti ta' dak li bil-kliem dejjem nistqarru.